IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport Annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2019

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg
T +352 4398-1 **E** eca-info@eca.europa.eu **eca.europa.eu**

Werrej

Akronimi 4

Kapitolu 1 L-Impriżi Konġunti tal-UE u l-awditu tal-QEA 7

Introduzzjoni 8

L-Impriżi Konġunti tal-UE 9

Impriżi Konġunti li joperaw taħt il-Programmi Qafas ta' Riċerka 11

L-awditu tagħna 22

Kapitolu 2 Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar 25

Introduzzjoni 26

Ir-riżultati tal-awditi annwali tagħna relatati mal-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2019 huma kumplessivament pożittivi 27

Riżultati tal-awditjar minn dokumenti reċenti oħra tal-QEA li jiffukaw fuq il-JUs 43

Kapitolu 3 Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni tal-Impriżi Konġunti tal-UE 45

3.1. Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni 46

Impriżi Konġunti li jimplimentaw il-Programmi Qafas tal-UE 50

3.2. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) 51

3.3. L-Impriża Konġunta "Clean Sky" (Clean Sky) 60

3.4. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI) 68

3.5. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH) 77

3.6. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) 85

3.7. L-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI) 95

3.8. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) 104

Impriża Konġunta li topera taħt l-EURATOM **111**

3.9. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) **112**

Akronimi

Il-lista ta' akronimi tinkludi l-aġenziji tal-UE u l-korpi l-oħra tal-Unjoni li huma koperti minn dan ir-rapport.

Akronimu	Isem sħiħ
AE	Aġenzija Eżekuttiva
ARTEMIS	L-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter
BBI	L-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika
CAS	Servizz tal-Awditjar Komuni tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni
CFS	Ċertifikat dwar ir-Rapporti Finanzjarji
COSO	Il-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw il-Kummissjoni Treadway
CS	L-Impriża Konġunta "Clean Sky"
DĠ RTD	Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
EASA	L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
ECSEL	L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi
EIT	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
ENIAC	Il-Kunsill Konsultattiv Ewropew dwar l-Inizjattiva fin-Nanoelettronika
EUAN	Netwerk tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
EURATOM	Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
EUROHPC	L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
EVM	Ġestjoni tal-valur gwadanjat
F4E	L-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija
FCH	L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu

FNE	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
FP7	Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (2007-2013)
GERD	Nefqa Domestika Grossa fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp
H2020	Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)
IFAC	Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti
IKAA	Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-Attivitajiet Addizzjonali
IKOP	Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-Attivitajiet Operazzjonali
IMI	L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi
INTOSAI	Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar
ISAs	L-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar tal-IFAC
ISSAIs	L-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI
ITER	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali
JU	Impriża Konġunta
MUS	Kampjunar f'Unitajiet Monetarji
NFA	Awtorità nazzjonali ta' finanzjament
PMO	L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-intitolamenti individwali
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
QKI	Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni għall-2017
S2R	L-Impriża Konġunta Shift2Rail (Inizjattiva Ferrovjarja Ewropea)
SESAR	L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew

SNE	Espert Nazzjonali Sekondat
TEN-T	Programm tan-Network trans-Ewropew tat-Trasport
TFUE	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
UE	Unjoni Ewropea

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 1

L-Impriżi Konġunti tal-UE u l-awditu tal-QEA

Introduzzjoni

1.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ġiet stabbilita permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-awditur estern tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea (UE). F'din il-kapaċità, aħna naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nwettqu tista' tinstab fir-rapporti tal-attività, fir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, fir-rapporti speċjali, u fl-analiżijiet panoramiċi tagħna, kif ukoll fl-opinjonijiet tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja.

1.2. Fil-limiti ta' dan il-mandat, aħna neżaminaw ta' kull sena l-kontijiet u t-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-Impriżi Konġunti tal-UE, li huma korpi ta' sħubija pubblika-privata stabbiliti bir-regolamenti tal-Kunsill tal-UE.

1.3. Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-awditu li wettaqna tal-Impriżi Konġunti tal-UE (kollettivament imsejħa "Impriżi Konġunti" jew "JUs") għas-sena finanzjarja 2019. Ir-rapport huwa strutturat kif ġej:

— Il-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-JUs u n-natura tal-awditu tagħna,

— Il-Kapitolu 2 jippreżenta r-riżultati kumplessivi tal-awditu,

— Il-Kapitolu 3 fih, għal kull waħda mit-tmien JUs, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mal-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet tagħna dwar, l-ewwel nett, l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħhom u, it-tieni nett, dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

L-Impriżi Konġunti tal-UE

Is-sħubiji pubbliċi-privati bħala għodda b'saħħitha għat-twassil tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa

1.4. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE kien li jitħeġġu livelli akbar ta' investiment fir-riċerka, sabiex jiġi pprovdut stimolu għall-kompetittività tal-UE. Waħda mill-ħames miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, li ġiet adottata fl-2010, hija li 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-UE jiġu ddedikati għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) (ara l-***Figura 1.1***).

Figura 1.1 – Nefqa domestika grossa fuq l-R&Ż (GERD), EU-28, mill-2003 sal-2018 (f'perċentwal tal-PDG)

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat, Ġunju 2020.

1.5. F'Ġunju 2005, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport "Fostering Public-Private R&D Partnerships to Boost Europe's Industrial Competitiveness", li jappella għall-ħolqien ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) bħala programmi ddedikati biex jiġu implimentati Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka speċifiċi għall-industrija taħt il-forma ġuridika ta' JUs (ara l-***Figura 1.2***). Element ewlieni kien li tingħaqad flimkien mas-settur privat u mal-Istati Membri biex jinkisbu riżultati li pajjiż wieħed jew kumpanija waħda għandhom inqas probabbiltà li jiksbu waħedhom.

Figura 1.2 – Mill-Aġendi Strateġiċi tal-UE għall-Impriżi Konġunti



Sors: il-QEA.

Impriżi Konġunti li joperaw taħt il-Programmi Qafas ta' Riċerka

1.6. Il-JUs huma sħubiji bejn il-Kummissjoni u l-industrija, u f'xi wħud mill-każijiet anki organizzazzjonijiet ta' riċerka jew dawk intergovernattivi, li għandhom l-għan li jqarrbu r-riżultati tal-proġetti f'oqsma strateġiċi tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn is-suq u li jtejbu r-rabta bejn ir-riċerka u t-tkabbir tas-soċjetà. Dawn huma stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-TFUE jew, fil-każ tal-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija (F4E), l-Artikoli 45 sa 51 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

1.7. Il-JUs huma forma ta' sħubija pubblika-privata u għandhom personalità ġuridika. Il-membru pubbliku tagħhom huwa tipikament l-UE (irrappreżentata mill-Kummissjoni), u l-membri privati tagħhom huma mis-settur tal-industrija u f'xi wħud mill-każijiet anki minn dak tar-riċerka. Hemm ukoll sħab oħra (Stati parteċipanti, organizzazzjonijiet internazzjonali). Il-JUs jadottaw l-aġenda proprja tagħhom għar-riċerka u jagħtu l-finanzjament, prinċipalment permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti. Eċċezzjoni għal dan hija l-F4E, JU li hija responsabbli għall-provvediment tal-kontribuzzjoni tal-Ewropa lir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER), l-akbar sħubija xjentifika fid-dinja, li għandha l-għan li tiddimostra li l-fużjoni hija sors vijabbli u sostenibbli ta' enerġija.

1.8. Il-JUs għandhom viżibbiltà għolja u għandhom influwenza sinifikanti f'oqsma importanti tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-bijoekonomija u l-ekonomija diġitali. F'dan ir-rapport, aħna nirreferu għal JUs speċifiċi bl-akronimu tagħhom. Lista ta' dawn l-akronimi tingħata fil-bidu ta' dan ir-rapport.

1.9. Taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7), fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta regolamenti li jistabbilixxu l-ewwel sitt JUs: l-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), l-Impriża Konġunta "Clean Sky" (CS), l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI), l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH), l-Impriża Konġunta għan-Nanoelettronika (ENIAC) u l-Impriża Konġunta għas-Sistemi Inkorporati (ARTEMIS).

1.10. Il-JUs kollha stabbiliti taħt l-FP7 ġew estiżi fl-2014 taħt il-programm Orizzont 2020 (H2020) għal perjodu addizzjonali ta' 10 snin (jiġifieri sal-2024). Il-kontribuzzjoni finanzjarja kumplessiva mill-UE għall-JUs irduppjat. Barra minn hekk, inħolqu żewġ JUs ġodda — l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI) u l-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) — filwaqt li ARTEMIS u ENIAC ingħaqdu flimkien biex jiffurmaw l-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) (ara l-***Figura 1.3***).

Figura 1.3 – Evoluzzjoni tal-Impriżi Konġunti Ewropej



Sors: il-KE, ibbażat fuq ir-regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-JUs, modifikat mill-QEA.

JUs li joperaw taħt H2020

1.11. Dawn il-JUs jimplimentaw partijiet speċifiċi ta' H2020 fl-oqsma tat-trasport (CS2, S2R, u SESAR), tat-trasport/tal-enerġija (FCH2), tas-saħħa (IMI2), tal-industriji b'bażi bijoloġika (BBI) u tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi (ECSEL). L-objettivi prinċipali ta' kull JU huma ppreżentati flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħhom fil-Kapitolu 3.

1.12. L-Impriża Konġunta “Clean Sky” (CS) tiżviluppa ġenerazzjonijiet ġodda ta’ inġenji tal-ajru aktar ekoloġiċi. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu d-dimostratur ta’ Skrun Miftuħ, ġwienaħ laminari, pali ta’ skrun innovattivi, u magna b’kompressjoni għolja għal ħelikopters ħfief, sensuri innovattivi ta’ detezzjoni tas-silġ u sistemi avjoniċi avvanzati.

1.13. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI) qed tħaffef l-iżvilupp ta’ mediċini innovattivi, b’mod partikolari f’oqsma fejn hemm ħtieġa medika jew soċjali mhux issodisfata. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu netwerk pan-Ewropew ta’ mijiet ta’ sptarijiet u laboratorji biex javvanzaw l-iżvilupp tal-antibijotiċi, it-testijiet għat-titjib tas-sigurtà tal-mediċini, approċċ ġdid għall-provi kliniċi għat-trattamenti tad-dimenzja, kif ukoll biex jipprovdu fehim akbar tal-kawżi sottostanti tal-mard bħal dijabete, artrite rewmatojde uażma severa.

1.14. Ix-Shift2Rail (S2R) JU tfittex l-innovazzjoni fit-trasport ferrovjarju b’appoġġ għall-kisba taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. L-objettivi prinċipali tagħha jinkludu t-tnaqqis bin-nofs tal-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tat-trasport ferrovjarju, l-irduppjar tal-kapaċità ferrovjarja u ż-żieda fl-affidabbiltà u fil-puntwalità sa massimu ta’ 50 %.

1.15. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) qed tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta’ ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-ewwel titjira fid-dinja f’erba’ dimensjonijiet (3D + ħin), servizzi ta’ torrijiet remoti, rotot liberi biex jitnaqqsu kemm l-emissjonijiet minn titjiriet kif ukoll dawk mill-fjuwil, u interskambju bla xkiel ta’ informazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti kollha ta’ informazzjoni ATM.

1.16. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH) tiżviluppa soluzzjonijiet nodfa għat-trasport, l-enerġija u l-ħżin. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-użu ta’ xarabanks li jaħdmu permezz taċ-ċelluli tal-fjuwil għal trasport pubbliku nadif; l-istabbiliment ta’ katina tal-valur tal-UE għall-batteriji taċ-ċelluli tal-fjuwil bi prestazzjoni aħjar u spejjeż imnaqqsa; l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-elettroliżi għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku; l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ unitajiet mikro ta’ tisħin u enerġija kkombinati (mCHP) għall-provvista ta’ tisħin u elettriku residenzjali; kif ukoll prestazzjoni u durabbiltà aħjar tal-materjali u tnaqqis fl-ispejjeż għal komponenti u sistemi. Hija nediet ukoll “Inizjattiva għar-reġjuni” li tgħaqqad aktar minn 90 reġjun u belt u 55 sieħeb fl-industrija u li tippromwovi sinerġiji u sforzi ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-Ewropa.

1.17. L-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI) qed timplimenta programm ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa li jivvaluta d-disponibbiltà ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' materjali b'bażi bijoloġika, u abbażi ta' hekk, il-BBI tappoġġa l-istabbiliment ta' katini ta' valur b'bażi bijoloġika sostenibbli. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-produzzjoni ta' firxa ta' prodotti b'bażi bijoloġika innovattivi.

1.18. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) tiffinanzja proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni relatati mal-kapaċitajiet ta' tfassil u ta' manifattura fis-settur tal-elettronika. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-proġett CESAR (Metodi u proċessi kosteffiċjenti għal sistemi integrati rilevanti għas-sikurezza), li kellu impatt sinifikanti fuq l-industrija Ewropea tas-sistemi integrati, u l-proġett E3Car, li għeleb l-isfidi prinċipali li l-vetturi elettriċi li jużaw komponenti semikondutturi avvanzati kienu jiffaċċjaw.

1.19. L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) hija l-aktar waħda reċenti, billi ġiet stabbilita mill-Kunsill f'Novembru 2018. Hija tikkostitwixxi inizjattiva konġunta bejn l-UE u pajjiżi oħra Ewropej biex tiġi żviluppata ekosistema ta' klassi dinjija għas-supercomputing fl-Ewropa. L-EuroHPC se tibqa' operazzjonali sa tmiem l-2026. Aħna se nawditjaw il-kontijiet ta' din l-Impriża Konġunta għall-ewwel darba fl-2020.

L-F4E li topera taħt l-Euratom

1.20. Il-proġett ITER tnieda uffiċjalment fl-1988, u l-attivitajiet kunċettwali u tad-disinn tiegħu ilhom joperaw għal bosta snin. Fil-21 ta' Novembru 2006, il-parteċipanti tal-proġett qablu formalment li jibnu u joperaw faċilità esperimentali li tiddimostra l-vijabbiltà xjentifika tal-fużjoni bħala sors futur ta' enerġija sostenibbli. Il-Ftehim ITER daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2007, id-data meta l-Organizzazzjoni ITER ġiet legalment stabbilita. Is-sede tagħha tinsab f'Saint-Paul-lès-Durance (Franza), filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta' fużjoni se jinbnew f'Cadarache (Franza).

1.21. Il-proġett jinvolvi seba' sħab globali: l-UE li hija rrappreżentata mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja. L-Ewropa ħadet rwol ta' tmexxija b'sehem ta' 45 % tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, li 80 % minnhom huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE u 20 % huma ffinanzjati minn Franza bħala l-pajjiż ospitanti tal-ITER. Is-sehem tal-membri l-oħra tal-ITER huwa ta' madwar 9 % kull wieħed. Din id-distribuzzjoni tal-ispejjeż se tinbidel fil-fażi operazzjonali, fejn l-Ewropa se tipprovdi 34 % tal-ispejjeż (ara l-***Figura 1.4***).

Figura 1.4 – Kontribuzzjoni tal-membri tal-ITER



Sors: l-F4E.

1.22. Il-kostruzzjoni tal-ITER tinvolvi l-kostruzzjoni ta' aktar minn 10 miljun komponent f'fabbriki madwar id-dinja. Madwar 75 % tal-investiment tagħha jintefaq fuq il-ħolqien ta' għarfien ġdid u ta' materjali u teknoloġiji mill-aktar avvanzati. Dan joffri opportunità siewja lill-industriji u l-SMEs tat-teknoloġija avvanzata biex jinnovaw u jiżviluppaw prodotti "spin-off" biex jiġu sfruttati lil hinn mill-fużjoni (bħas-settur usa' tal-enerġija, l-avjazzjoni u l-istrumenti tat-teknoloġija avvanzata bħal skanners ta' reżonanza manjetika nukleari (NMR)).

1.23. L-F4E hija inkarigata mill-kontribuzzjoni Ewropea għall-proġett ITER. L-objettivi prinċipali tagħha jinkludu l-provvediment tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-ITER u l-iżgurar tal-attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun għat-twettiq rapidu tal-enerġija mill-fużjoni. Hija tħejji u tikkoordina wkoll programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u ta' faċilitajiet relatati, inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni. L-impenn ta' finanzjament tal-Euratom għall-F4E JU jammonta għal EUR 6,6 biljun sa tmiem l-2020.

Il-JUs jinsabu fl-Unjoni Ewropea

1.24. Seba' JUs jinsabu fi Brussell (is-SESAR, is-CS, l-IMI, l-FCH, l-ECSEL, il-BBI, u l-S2R). L-EuroHPC tinsab fil-Lussemburgu.

1.25. L-F4E tinsab f'Barċellona, fi Spanja. L-ITER, li għalih l-UE qed tikkontribwixxi permezz tal-F4E, qed jinbena maġenb il-faċilità ta' Cadarache f'Saint-Paul-lès-Durance, fi Provence, fin-Nofsinhar ta' Franza (ara l-***Figura 1.5***).

Figura 1.5 – Impriżi Konġunti fl-Unjoni Ewropea fl-2019



Sors: il-QEA.

JUs li joperaw taħt l-FP7 u taħt H2020 isegwu mudelli ta' governanza bipartitiċi jew tripartitiċi

1.26. Filwaqt li tibni fuq l-istess struttura ġuridika, kull JU, madankollu, hija kapaċi ssawwar l-azzjonijiet proprji tagħha bil-karatteristiċi speċifiċi meħtieġa biex tittratta l-innovazzjoni u r-riċerka f'diversi setturi li huma mibnija madwar swieq differenti. Il-biċċa l-kbira minnhom (CS, IMI, FCH, BBI u S2R) isegwu mudell bipartitiku, fejn il-Kummissjoni u l-industrija (f'xi wħud mill-każijiet anki s-settur tar-riċerka) huma rrappreżentati fil-bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-JU. L-oħrajn li jifdal (ECSEL, SESAR, u EuroHPC) isegwu mudell tripartitiku, fejn l-Istati Membri jew organizzazzjonijiet intergovernattivi, il-Kummissjoni u l-industrija jipparteċipaw fil-bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-JU.

1.27. Il-***Figura 1.6*** tippreżenta l-istruttura ta' governanza ġenerali tal-JUs.

Figura 1.6 – Struttura ta' governanza ġenerali tal-JUs



Sors: il-QEA.

L-attivitajiet ta' riċerka tal-JUs taħt l-FP7 u taħt H2020 huma ffinanzjati kemm mill-UE kif ukoll mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka

1.28. Il-membri kollha jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Minn naħa waħda, l-UE (irrappreżentata mill-Kummissjoni) tipprovdi finanzjament bi flus kontanti mill-FP7 u minn H2020 għall-kofinanzjament mill-UE tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Is-SESAR irċeviet ukoll finanzjament mill-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)[1] taħt il-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti (QFP 2007-2013) u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)[2] taħt il-QFP attwali 2014-2020. Min-naħa l-oħra, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka (membri privati) jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* billi jimplimentaw l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li fihom huma jinvestu r-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi umani, l-assi u t-teknoloġiji proprji tagħhom. Kemm l-UE kif ukoll is-sħab privati jipprovdu l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti biex jiffinanzjaw l-ispejjeż amministrattivi tal-JUs.

---

[1] EUR 350 miljun.

[2] EUR 10 miljun.

1.29. Rigward il-QFP 2007-2013 preċedenti, il-JUs jimplimentaw madwar EUR 3,6 biljun jew madwar 7 % tal-baġit globali taħt l-FP7. Billi l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mis-sħab privati jrid ikun mill-inqas l-istess bħall-ammont ikkofinanzjat mill-UE, il-finanzjament mill-UE li jammonta għal EUR 3,6 biljun jimmobilizza madwar EUR 8,7 biljun għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt l-FP7.

1.30. Għall-QFP 2014-2020 attwali, il-JUs jimmaniġġjaw madwar EUR 7,2 biljun jew 10 % tal-baġit globali taħt H2020. Kif jidher fil-***Figura 1.7***, dan il-finanzjament mill-UE, madankollu, jimmobilizza madwar EUR 17-il biljun għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma ta' H2020 li jiġu assenjati lill-JUs.

Figura 1.7 – Kofinanzjament tal-JUs u mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mill-membri privati taħt H2020



Sors: il-QEA.

1.31. Għall-attivitajiet taħt H2020, ir-regolamenti fundaturi rispettivi ta' kull JU jiddefinixxu kemm l-ammont tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mogħtija mill-UE kif ukoll l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mill-membri privati għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt H2020, kif jidher fil-***Figura 1.8***.

Figura 1.8 – Kontribuzzjonijiet mogħtija mill-membri matul iż-żmien tal-JU (f'EUR miljun)



Sors: il-QEA.

1.32. Taħt H2020, hemm żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija: Għall-JUs kollha, il-membri privati jridu jikkontribwixxu ammont minimu għall-ispejjeż totali tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JU. Din il-kontribuzzjoni hija ddefinita bħala d-differenza bejn l-ispejjeż totali tal-proġetti u l-kofinanzjament mill-UE. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), il-membri privati jridu jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* biex jiffinanzjaw attivitajiet li ma twettqux taħt il-pjanijiet ta' ħidma tal-JUs iżda jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tagħhom.

1.33. Fl-2019, il-bażit tal-pagamenti totali għall-JUs kollha ammonta għal madwar EUR 1,9 biljun (2018: EUR 2 biljun). Il-bażit tal-pagamenti 2019 għas-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet ta' programmi ta' riċerka ammonta għal EUR 1,2 biljun (2018: EUR 1,2 biljun), u EUR 0,7 biljun għall-F4E (2018: EUR 0,8 biljun).

1.34. Fi tmiem l-2019, il-JUs li joperaw taħt H2020 impjegaw 229 membru tal-persunal (aġenti temporanji u kuntrattwali) u 8 esperti nazzjonali sekondati, SNEs (2018: 225 membru tal-persunal u 7 SNEs). L-F4E impjegat 437 membru tal-persunal (uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali) u żewġ SNEs (2018: 442 membru tal-persunal). L-għadd ta' postijiet għall-persunal li kienu mtlew fi tmiem l-2018 u fl-2019 fi ħdan il-JUs jidher fil-***Figura 1.9***.

Figura 1.9 – Għadd ta' postijiet għall-persunal li fil-fatt imtlew fi ħdan il-JUs (fl-2018 u fl-2019)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-JUs.

L-arranġamenti baġitarji u ta’ kwittanza huma simili għall-JUs kollha

1.35. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma responsabbli għall-proċeduri annwali baġitarji u ta’ kwittanza għall-JUs. Il-kronoloġija tal-proċedura ta’ kwittanza tintwera fil-***Figura 1.10***.

Figura 1.10 – Proċedura annwali ta’ kwittanza



Sors: il-QEA.

L-awditu tagħna

Il-mandat tagħna jkopri l-awditjar tal-kontijiet annwali u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-JUs

1.36. Kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-TFUE, aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tat-tmien JUs kollha għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

1.37. Abbażi tar-riżultati tal-awditu tagħha, aħna nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni waħda għal kull JU dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħha u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Fejn ikun xieraq, aħna nissupplimentaw id-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni b'osservazzjonijiet sinifikanti tal-awditjar (ara l-Kapitolu 3).

1.38. F'konformità mal-Artikoli 70 (6) u 71 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet għall-JUs kollha jiġi esternalizzat lil ditti tal-awditjar indipendenti esterni. Skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar, aħna rrieżaminajna l-kwalità tax-xogħol li sar minn dawn id-ditti tal-awditjar esterni u ksibna aċċertament suffiċjenti li stajna noqogħdu fuq ix-xogħol tagħhom fil-formulazzjoni tal-opinjonijiet tal-awditjar tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-JUs għall-2019.

L-awditu tagħna jidentifika u jindirizza r-riskji ewlenin

1.39. L-awditi tagħna huma maħsuba biex jindirizzaw ir-riskji ewlenin identifikati. L-awditu annwali tal-kontijiet annwali u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-JUs għall-2019 twettaq billi ttieħdet inkunsiderazzjoni l-valutazzjoni tar-riskju tagħna, li hija ppreżentata fil-qosor hawn taħt.

Ir-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet huwa minn baxx għal medju

1.40. B'mod ġenerali, aħna nqisu li r-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet annwali huwa baxx. Madankollu, minħabba bidla importanti fil-politika kontabilistika fl-2018, ir-

riskju għall-F4E ġie rivalutat bħala li huwa medju. Il-kontijiet tal-JUs jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment. L-għadd ta' żbalji materjali li nqabdu fil-passat kien żgħir.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tad-dħul huwa kumplessivament baxx

1.41. Fl-2019, id-dħul tal-JUs kien jikkonsisti prinċipalment f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġits tal-Kummissjoni għal H2020 u għall-Euratom. Kif stabbilit fir-regolamenti ta' kull JU, il-baġits u d-dħul li jirriżulta jiġu maqbula mal-awtoritajiet baġitarji matul il-proċess baġitarju annwali.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti għall-persunal u ta' dawk amministrattivi huwa kumplessivament baxx

1.42. Ir-riskju relatat mal-legalità u mar-regolarità tal-pagamenti kien meqjus bħala baxx kemm għal dak li jirrigwarda l-pagamenti għall-persunal kif ukoll għal dawk amministrattivi. Is-salarji jiġu amministrati mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) tal-Kummissjoni, li aħna nawditjaw fil-qafas tal-valutazzjonijiet speċifiċi tagħha tan-nefqa amministrattiva. Fi snin reċenti, aħna ma sibna l-ebda żball materjali relatat man-nefqa għall-persunal. B'mod ġenerali, ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' reklutaġġ kien baxx, iżda kien medju għall-F4E JU fejn fil-passat kienu nstabu dgħufijiet serji fil-proċeduri ta' reklutaġġ. Ingħatat ukoll attenzjoni speċjali għall-użu ta' persunal *interim* li sar min-naħa tal-JUs matul l-2019.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti operazzjonali huwa kumplessivament medju

1.43. Għall-pagamenti *interim* u finali ta' għotja, b'mod ġenerali r-riskju ġie vvalutat li huwa medju, billi dawn huma bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-benefiċjarji li huma ġeneralment kumplessi. Barra minn hekk, għall-pagamenti ta' għotja taħt H2020, il-benefiċjarju huwa meħtieġ jipprovdi ċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji (CFS) għal pagamenti finali biss (il-prinċipju tal-fiduċja).

1.44. Għall-pagamenti għal kuntratt u l-proċeduri ta' akkwist pubbliku, minħabba l-għadd limitat ta' dawn il-proċeduri mwettqa mill-JUs, ir-riskju ġie vvalutat bħala baxx għal dawk il-JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt l-FP7 u H2020. Ir-riskju ġie vvalutat li huwa medju għall-F4E, li prinċipalment topera proċeduri ta' akkwist kumplessi għal kuntratti b'valur għoli, u għal EuroHPC, li stabbiliet biss il-proċess ta' akkwist tagħha fl-2019.

Ir-riskju għall-ġestjoni tal-baġit huwa minn baxx għal medju

1.45. Ir-riskju kien meqjus li kien minn baxx għal medju minħabba n-natura pluriennali u l-kumplessità tal-azzjonijiet iffinanzjati permezz ta' għotjiet taħt H2020 u tal-proġett ITER.

Ir-riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba (SFM) huwa minn baxx għal medju

1.46. Ir-riskju ġie identifikat prinċipalment fl-oqsma tat-tfassil tal-għotjiet u l-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-proġetti tal-F4E.

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 2

Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar

Introduzzjoni

2.1. Dan il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditu annwali tagħna relatat mal-JUs għas-sena finanzjarja 2019, kif ukoll ta' xogħol ieħor tal-awditjar relatat magħhom li aħna wettaqna matul l-2019.

Il-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport jinkludi d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni (opinjonijiet tal-awditjar) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-JUs u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet, kif ukoll il-kwistjonijiet u l-osservazzjonijiet kollha li ma jixħtux dubju fuq dawn l-opinjonijiet.

Ir-riżultati tal-awditi annwali tagħna relatati mal-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2019 huma kumplessivament pożittivi

2.2. B'mod ġenerali, l-awditu li wettaqna tal-kontijiet annwali tal-JUs għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, kif ukoll tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet, ikkonferma r-riżultati pożittivi li aħna rrappurtajna fi snin preċedenti.

Opinjonijiet "favorevoli" dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-JUs kollha

2.3. Aħna ħriġna *opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar* dwar il-kontijiet annwali tal-JUs kollha. Fl-opinjoni tagħna, dawn il-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjonijiet finanzjarji tal-JUs fil-31 ta' Diċembru 2019 kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Osservazzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ITER

2.4. Bħal fi snin preċedenti, l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-F4E JU għall-2019 hija akkumpanjata minn osservazzjoni[3], biex niġbdu l-attenzjoni għad-diffikultajiet partikolari fl-implimentazzjoni tal-ITER, li huwa proġett pijunier internazzjonali biex tinbena u tiġi operata faċilità esperimentali li tiddimostra l-vijabbiltà xjentifika tal-fużjoni bħala sors futur ta' enerġija sostenibbli.

[3] Osservazzjoni tintuża biex tinġibed l-attenzjoni għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' tant importanza li tkun fundamentali biex l-utenti jifhmu l-kontijiet.

2.5. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER[4] approva linja bażi ġdida għall-proġett ITER. Il-linja bażi l-ġdida tal-ITER tistma d-dati ta' skadenza għall-ilħuq tal-Ewwel Plażma[5], il-bidu tal-fażi operazzjonali fl-2025 u l-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni fl-2035. Il-linja bażi l-ġdida titqies bħala l-eqreb data teknikament possibbli li tinkiseb[6]. Il-linja bażi preċedenti tal-2010 kienet stmat li l-fażi ta' kostruzzjoni se tiġi kkompletata fl-2020[7].

2.6. L-F4E JU kkalkulat mill-ġdid il-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għal EUR 12-il biljun (fil-valuri tal-2008), li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) li kien ġie approvat mill-Kunsill tal-UE fl-2010. Dawn l-istimi ma jinkludux kontinġenzi, minkejja li l-Kummissjoni ssuġġeriet li jkun xieraq li tiġi prevista kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda ta' żmien u kontinġenza sa 10-20 % f'termini ta' baġit.

2.7. F'April 2018[8], il-Kunsill tal-UE ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Euratom, il-linja bażi l-ġdida relatata mal-ITER u afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jagħmel ir-riżorsi disponibbli fil-limiti tal-QFP li jmiss, iżda mingħajr preġudizzju għan-negozjati sussegwenti tal-QFP biex jiġu determinati d-dettalji tal-finanzjament futur.

---

[4] Id-19-il Kunsill tal-ITER fis-16-17 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill tal-ITER huwa l-korp governattiv tal-Organizzazzjoni ITER. Huwa għandu l-awtorità li jaħtar persunal ta' livell għoli, li jemenda r-regolamenti u li jiddeċiedi dwar il-baġit totali għall-proġett ITER u dwar il-parteċipazzjoni ta' membri addizzjonali fil-proġett. Il-Kunsill ITER huwa magħmul minn rappreżentanti tas-seba' membri – l-UE, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, ir-Russja u l-Istati Uniti.

[5] L-Ewwel Plażma tirrappreżenta l-istadju ta' kostruzzjoni tal-magna tal-fużjoni li se tippermetti l-ittestjar tal-komponenti essenzjali tal-magna; dan huwa wkoll il-punt fejn tibda l-fażi operazzjonali.

[6] Kif ġie ddikjarat fil-ħames valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (il-31 ta' Ottubru 2016) u fir-rapport mill-Kap tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-F4E JU lill-Bord ta' Tmexxija, f'Diċembru 2016.

[7] COM(2010) 226 final tal-4.5.2010.

[8] L-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008), li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010, attwalment iservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-Impriża Konġunta sal-2020.

2.8. Filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex jittejbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tal-JU għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, għad fadal riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi attwali approvata.

2.9. Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-UE u mill-Euratom. Il-perjodu ta' tranżizzjoni għan-negozjar ta' ftehim ta' sħubija ġdid mal-Euratom jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2020. L-eżitu tan-negozjar jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivitajiet ta' wara l-2020 tal-F4E JU u tal-proġett ITER.

Opinjonijiet "favorevoli" dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

2.10. Għall-JUs kollha, aħna ħriġna *opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar* dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjonijiet "favorevoli" dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

2.11. Għall-JUs kollha, aħna ħriġna *opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar* dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Aħna aġġustajna l-approċċ tal-awditjar tagħna għall-2019 għal pagamenti ta' għotja biex niksbu l-aċċertament meħtieġ

2.12. Għas-seba' JUs li qed jimplimentaw il-proġetti taħt l-FP7 u taħt H2020 (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL, BBI, u S2R), kif ukoll minħabba differenzi metodoloġiċi bejn il-QEA u l-Kummissjoni u dgħufijiet li nqabdu fl-awditi *ex post* tal-Kummissjoni, aħna ma serraħniex kompletament fuq ir-riżultati tal-awditjar tagħhom biex niffurmaw l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti ta' bażi. Minflok, aħna ssupplimentajna l-aċċertament li nkiseb mill-awditi *ex post* (ara l-paragrafi ***2.28*** u ***2.29*** b'noti f'qiegħ il-paġna rispettivi) b'awditu dettaljat fil-livell tal-benefiċjarji, u bbażajna l-

opinjoni tagħna għal kull JU fuq valutazzjonijiet separati tal-elementi kwantitattivi li ġejjin:

(a) ir-rata ta' żball rappreżentattiva u r-rata tal-iżball residwu ta' kull JU individwali li nkisbu abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* li twettqu mill-Kummissjoni fir-rigward tal-pagamenti ta' għotja tagħhom. Dan kien jinkludi valutazzjoni tal-korrettezza u l-kompletezza tal-kalkoli tar-rata ta' żball rappreżentattiva u r-rata tal-iżball residwu;

(b) ir-rata ta' żball li nkisbet abbażi tar-riżultati tal-ittestjar sostantiv tagħna;

(c) ir-rata ta' żball relatata mat-tranżazzjonijiet ta' JU speċifika fi ħdan l-ittestjar sostantiv li wettaqna.

2.13. Il-***Figura 2.1*** tagħti stampa ġenerali tal-evoluzzjoni tal-opinjonijiet tal-awditjar annwali tagħna dwar il-kontijiet annwali, id-dħul u l-pagamenti tal-JUs mill-2017 sal-2019.

Figura 2.1 – Evoluzzjoni tal-opinjonijiet tal-QEA dwar il-JUs mill-2017 sal-2019



Sors: il-QEA.

L-osservazzjonijiet tagħna jindirizzaw oqsma fejn jista' jsir titjib

2.14. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjonijiet tagħna, aħna għamilna diversi osservazzjonijiet biex nenfasizzaw kwistjonijiet fejn jista' jsir titjib fl-oqsma ta' ġestjoni baġitarja u finanzjarja, il-kontribuzzjonijiet *in natura*, il-qafas ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ għal pagamenti ta' għotja, il-proċeduri ta' akkwist, ir-riżorsi umani u l-ġestjoni finanzjarja tajba. Dawn l-osservazzjonijiet, li d-dettalji dwarhom jingħataw fil-Kapitolu 3, huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Għad hemm nuqqasijiet fl-ippjanar annwali tal-pagamenti

2.15. Il-fatt li l-JUs jeħtieġu li jippjanaw għal proġetti pluriennali importanti ta' għotjiet għar-riċerka baqa' kien id-diffikultà prinċipali għan-nuqqasijiet fl-ippjanar u l-monitoraġġ ta' approprjazzjonijiet ta' pagament. Minħabba l-ħtiġijiet tal-JUs, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati jistgħu jiġu inklużi fil-baġit fit-tliet snin finanzjarji sussegwenti. Rigward il-BBI, iż-żieda sinifikanti fl-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati għall-proġetti taħt H2020 fi tmiem l-2019 kienet ikkawżata prinċipalment mid-dewmien mhux mistenni tal-proġetti fl-2019. Rigward il-baġit għall-pagamenti tal-ECSEL għall-proġetti taħt l-FP7, ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni ta' inqas minn 50 % kienet prinċipalment dovuta għad-dewmien min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' finanzjament (NFAs) biex jipprovdu ċertifikati ta' tmiem tal-proġett għall-attivitajiet taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejjin.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 1

Fl-ippjanar għal approprjazzjonijiet ġodda ta' pagament, il-JUs huma mħeġġa li jqisu l-ammont akkumulat tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin preċedenti li jkunu reġgħu ddaħħlu fil-baġit tas-sena attwali.

Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-JUs u l-kontribuzzjonijiet tal-membri privati huma oqsma li fihom jista' jsir titjib ulterjuri

Il-JUs kisbu rata ta' implimentazzjoni ta' 90 % għall-attivitajiet tagħhom taħt l-FP7 u t-TEN-T

2.16. Il-JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt il-programmi FP7 u TEN-T (QFP 2007-2013) huma s-SESAR, is-CS, l-IMI, l-FCH u l-ECSEL. Fl-2019, tliet JUs biss (IMI, FCH u ECSEL) kienu għadhom fil-fażi ta' għeluq għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom tal-FP7. Iż-żewġ JUs l-oħra (SESAR u CS), fl-2019, għamlu l-aħħar pagamenti korrettivi u l-irkupri ta' pagamenti eċċessivi li kienu saru lill-benefiċjarji.

2.17. It-***Tabella 2.1*** tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-attivitajiet taħt l-FP7 ta' dawn il-JUs fi tmiem l-2019. Bħala medja, dawn il-kontribuzzjonijiet irrappreżentaw 90 % tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi tal-JUs sa tmiem il-perjodu tal-programm.

Tabella 2.1 – Kontribuzzjonijiet mill-membri taħt l-FP7 u t-TEN-T (f'EUR miljun)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)			
UE	Membri oħra	Total	JUs taħt l-FP7	UE	Membri oħra	Total	Rata ta' implimentazzjoni
700,0	1 284,3	1 984,3	**SESAR 1**	634,1	1 100,5	1 734,6	87 %
800,0	600,0	1 400,0	**CS 1**	800,0	607,9	1 407,9	101 %
1 000,0	1 000,0	2 000,0	**IMI 1**	924,8	780,2	1 705,0	85 %
470,0	470,0	940,0	**FCH 1**	421,5	450,4	871,9	93 %
655,5	1 784,4	2 439,9	**ECSEL (għall-Artemis/Eniac)**	655,5	1 551,9	2 207,4	90 %
3 625,5	**5 138,7**	**8 764,2**	**Total**	**3 435,9**	**4 491,0**	**7 926,9**	**90 %**

Sors: data pprovduta mill-JUs.

2.18. Għas-SESAR, fi tmiem l-2019, l-eċċess f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti kien jammonta għal EUR 30,7 miljun. Minn dan, EUR 23,8 miljun jirrappreżentaw kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mhux użati mill-fondi tal-FP7. Fin-nuqqas ta' soluzzjoni prammatika għal rimborż bikri, dawn il-fondi jibqgħu għand il-JU mingħajr ma jintużaw għal proġetti ta' riċerka.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 2

Biex jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jeħtieġ li tinstab soluzzjoni prammatika li tippermetti lis-SESAR tirrimborża l-fondi tal-FP7 imħallsa żejda lill-Kummissjoni, qabel l-għeluq formali tal-JU fl-2024.

Xi whud mill-JUs tilfu l-*momentum* fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020

2.19. Is-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020 huma s-SESAR, is-CS, l-IMI, l-FCH, l-ECSEL, il-BBI, u l-S2R b'ċiklu tal-ħajja ta' 10 snin (2014-2024). Fi tmiem l-2019, wara nofs l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020 (QFP 2014-2020), xi whud mill-JUs ma kisbux il-progress mistenni fil-programmi tagħhom u għalhekk kienu qed jaqgħu lura fl-ilħuq tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi rispettivi tagħhom f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet.

2.20. It-*Tabella 2.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-attivitajiet taħt H2020 ta' dawn il-JUs fi tmiem l-2019. Sa nofs il-perjodu ta' programmazzjoni, dawn il-JUs kienu implimentaw fuq medja 51 % tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020 u ta' dawk addizzjonali relatati, u 44 % jekk ma jiġux ikkunsidrati l-attivitajiet addizzjonali.

Tabella 2.2 – Orizzont 2020 – Kontribuzzjonijiet mill-membri (f'EUR miljun)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)					Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)						
UE	IKOP ta' membri oħra (1)	IKAA ta' membri oħra (2)	Total	JUs taħt Orizzont 2020	UE	IKOP ivvalidati	IKOP irrappurtati iżda mhux ivvalidati	IKAA	Total	Rata ta' implimentazzjoni bl-IKAA	Rata ta' implimentazzjoni mingħajr l-IKAA
585,0	1 000,0	M/A	1 585,0	**SESAR 2020**	331,0	186,5	179,3	M/A	696,8	44 %	44 %
1 755,0	1 228,5	965,3	3 948,8	**CS2**	1 139,7	292,7	320,1	899,9	2 652,4	67 %	59 %
1 638,0	1 425,0	M/A	3 063,0	**IMI2**	423,7	232,1	144,2	M/A	800,0	26 %	26 %
665,0	95,0	285,0	1 045,0	**FCH2**	420,0	5,4	32,7	667,0	1 125,1	108 %	60 %
1 185,0	1 657,5	M/A	2 842,5	**ECSEL**	681,5	117,4	705,4	M/A	1 504,3	53 %	53 %
975,0	975,0	1 755,0	3 705,0	**BBI**	414,6	29,9	52,0	916,1	1 412,6	38 %	25 %
398,0	350,0	120,0	868,0	**S2R**	221,7	76,8	74,6	182,5	555,7	64 %	50 %
7 201,0	**6 731,0**	**3 125,3**	**17 057,3**	**Total**	**3 632,2**	**940,8**	**1 508,3**	**2 665,5**	**8 746,9**	**51 %**	**44 %**

(1) Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU
(2) Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali, barra l-pjan ta' ħidma tal-JU

Sors: data pprovduta mill-JUs.

Il-membri privati jikkontribwixxu sinifikattivament aktar għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-pjanijiet ta' ħidma tal-JUs, iżda li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom

2.21. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), ir-regolamenti fundaturi rispettivi jipprevedu kontribuzzjonijiet *in natura* li għandhom isiru mill-membri privati fil-forma ta' attivitajiet addizzjonali li ma jitwettqux taħt il-pjanijiet ta' ħidma tal-JUs, u jistabbilixxu livell minimu ta' kontribuzzjonijiet li jeħtieġ li jintlaħaq sa tmiem il-programm H2020. Kif jidher fit-*Tabella 2.2*, sa tmiem l-2019, il-kontribuzzjonijiet li saru mill-membri privati kienu jikkonsistu prinċipalment fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż proprji għal dawn l-attivitajiet.

2.22. Sa tmiem l-2019, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka tal-JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020 kienu kkontribwew EUR 5,1 biljun, jew 52 %, tal-kontribuzzjonijiet totali maqbula ta' EUR 9,8 biljun. Dan l-ammont kien jikkonsisti f'EUR 2,4 biljun[9] (47 %) f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali proprji tal-JUs taħt H2020 u f'EUR 2,7 biljun (53 %) f'kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-pjanijiet ta' ħidma tal-JUs. Fi tmiem l-2019, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura* relatati ma' attivitajiet operazzjonali kienet ta' 36 %, filwaqt li dik għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali kienet kważi 85 %. Minkejja l-importanza tal-attivitajiet addizzjonali, dawn il-JUs – abbażi ta' ftehim mal-Kummissjoni – ma għandhom l-ebda obbligu li jiddivulgaw il-kontribuzzjonijiet korrispondenti fil-kontijiet annwali, u d-dispożizzjonijiet rispettivi tar-regolamenti fundaturi tal-JUs ma jippermettux li aħna nawditjawhom[10]. B'konsegwenza ta' dan, aħna ma nistgħux nipprovdu opinjoni dwar in-natura, il-kwalità u l-kwantità ta' dawn il-kontribuzzjonijiet rigward is-CS, l-FCH, il-BBI u l-S2R (ara l-***Kaxxa 2.1*** u l-***Kaxxa 2.2***).

Kaxxa 2.1

Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali taħt H2020 (CS, FCH, BBI u S2R)

Kif previst fl-Artikolu 4(2)(b), li huwa komuni għar-regolamenti fundaturi ta' dawn l-erba' JUs, "attivitajiet addizzjonali" huma kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-pjanijiet ta' ħidma u l-baġit tal-JU speċifika, iżda li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tagħha. Jenħtieġ li l-attivitajiet korrispondenti jiġu stipulati fi pjan annwali ta' attivitajiet addizzjonali li jindika l-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-regolamenti fundaturi, l-ispejjeż tal-attivitajiet addizzjonali jridu jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti estern u mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-QEA jew minn kwalunkwe korp ieħor tal-UE.

[9] Minn dan l-ammont, bejn wieħed u ieħor EUR 0,9 biljun biss (38 %) kienu ġew iċċertifikati fi tmiem l-2019.

[10] L-Artikolu 4(4) tar-regolamenti fundaturi rispettivi ta' kull JU.

Kaxxa 2.2

Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali taħt H2020 (għall-JUs kollha)

Kif previst fir-regolamenti fundaturi tal-JUs kollha, jenħtieġ li l-ispejjeż operattivi tal-JUs ikunu koperti kemm permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE kif ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri privati, stati parteċipanti jew organizzazzjonijiet intergovernattivi. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mill-membri privati jikkonsistu fl-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni min-naħa tal-JU, li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni mill-membri l-oħra tal-JU (kofinanzjament mill-UE, kontribuzzjoni minn stati parteċipanti jew organizzazzjonijiet intergovernattivi) kif ukoll kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mill-UE għal dawk l-ispejjeż. F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-regolamenti fundaturi, dawn il-kontribuzzjonijiet *in natura* jridu jiġu rrappurtati kull sena u l-ispiża relatata trid tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti estern.

2.23. Barra minn hekk, fir-rigward tal-BBI, għalkemm ir-regolament fundatur tagħha ġie espressament emendat fl-2018 biex il-membri tal-industrija jkunu jistgħu jagħtu rendikont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti, għad hemm riskju għoli li l-membri tal-industrija ma jiksbux l-ammont minimu meħtieġ ta' EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti sa tmiem il-programm tal-BBI. B'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni (DĠ RTD) iddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 miljun il-baġit tal-JU għall-2020, li kien ta' EUR 205 miljun.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 3

Fejn regolament fundatur ta' JU jitlob kontribuzzjonijiet finanzjarji operazzjonali mingħand il-membri privati tagħha, huwa importanti ħafna li hija tipprevedi wkoll qafas legali xieraq li jiżgura li l-ammont meħtieġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja jintlaħaq sa tmiem il-programm.

Il-JUs ikkompletaw il-biċċa l-kbira mill-proċeduri ta' sejħiet biex jimplimentaw l-attivitajiet tagħhom taħt H2020

2.24. Fi tmiem l-2019, il-JUs kienu diġà kkompletaw il-biċċa l-kbira mill-proċeduri ta' sejħiet għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt H2020 assenjati lilhom.

2.25. Kif jidher fit-***Tabella 2.3***, fi tmiem l-2019 il-JUs kienu diġà ngħataw u/jew iffirmaw, bħala medja, 78 % tal-attivitajiet ippjanati tagħhom taħt H2020.

Tabella 2.3 – Orizzont 2020 – Konfinanzjament mill-JUs impenjat (f'EUR miljun)

Kontribuzzjonijiet mill-UE (skont ir-Regolamenti Fundaturi)				Ftehimiet ta' għotja mogħtija/iffirmati (fil-31.12.2019)	
Total tal-UE	Amministrazzjoni tal-JU	kofinanzjament massimu mill-JUs	JUs taħt Orizzont 2020	kofinanzjament mill-JUs impenjat	Rata ta' implimentazzjoni tal-programm
585,0	29,3	555,8	**SESAR 2020**	498,5	90 %
1 755,0	39,0	1 716,0	**CS2**	1 523,7	89 %
1 638,0	42,6	1 595,4	**IMI2**	1 190,6	75 %
665,0	19,0	646,0	**FCH2**	536,7	83 %
1 185,0	15,3	1 169,7	**ECSEL**	832,8	71 %
975,0	29,3	945,8	**BBI**	594,3	63 %
398,0	13,5	384,5	**S2R**	300,2	78 %
7 201,0	**187,9**	**7 013,1**	**Total**	**5 476,8**	**78 %**

Sors: data pprovduta mill-JUs.

Il-kontrolli interni fir-rigward tal-pagamenti ta' għotja kienu ġeneralment effettivi

Il-biċċa l-kbira mill-JUs implimentaw il-qafas ta' kontroll intern il-ġdid tal-Kummissjoni

2.26. Il-JUs stabbilew proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JUs huma obbligati jimplimentaw l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JUs (bl-eċċezzjoni tal-ECSEL) kienu implimentaw il-QKI l-ġdid u diġà kienu żviluppaw indikaturi ewlenin tal-kontroll għall-prinċipji kollha ta' kontroll, biex tiġi vvalutata l-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll tagħhom u biex jinqabdu dgħufijiet fil-kontroll[11]. Madankollu, jenħtieġ li l-QKI stabbilit jitqies bħala proċess li jinsab għaddej, li l-kwalità tiegħu tiddependi mit-titjib kontinwu tal-indikaturi ewlenin tal-kontroll u tal-awtovalutazzjonijiet annwali tal-JUs.

[11] Fit-12 ta' Diċembru 2018, l-F4E JU adottat is-sistema integrata tagħha tal-Istandards ta' Ġestjoni u Kontroll Intern li tkopri kemm il-QKI tal-Kummissjoni kif ukoll is-sistema ta' kwalità ta' ITER, li hija bbażata fuq l-istandards ISO. Huwa magħmul minn 20 standard, raggruppati fil-5 komponenti tal-COSO – ambjent ta' kontroll , valutazzjoni tar-riskju, attivitajiet ta' kontroll, informazzjoni u komunikazzjoni, u attivitajiet ta' monitoraġġ.

Ir-riżultati tal-awditjar *ex post* jindikaw li, għall-biċċa l-kbira mill-JUs, il-livell ta' żball għall-pagamenti ta' għotja huwa taħt is-soll ta' materjalità

2.27. Rigward il-kontrolli tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti ta' għotja tal-JU taħt il-programm FP7, ditti tal-awditjar indipendenti esterni, ikkuntrattati mill-JUs, iwettqu awditi *ex post* għand il-benefiċjarji. Għall-pagamenti ta' għotja tal-JUs taħt il-programm H2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post*, iżda huwa jesternalizza madwar tliet kwarti minnhom lil ditti tal-awditjar esterni. Il-JUs kollha użaw dawn l-awditi *ex post* biex jivvalutaw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti ta' għotja tagħhom.

2.28. Fl-2019, tliet JUs biss (IMI, FCH u ECSEL) kienu għadhom qed jagħmlu pagamenti finali ta' għotja taħt l-FP7. L-IMI u l-FCH irrappurtaw rati tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, ibbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2019. Fir-rigward tal-ECSEL, il-varjazzjoni sinifikanti fil-metodoloġiji u fil-proċeduri li ntużaw mill-NFAs tal-Istati parteċipanti ma tippermettix il-kalkolu ta' rata unika tal-iżball residwu għall-pagamenti taħt l-FP7. Madankollu, fi tmiem l-2019, ir-rata tal-iżball residwu li ġiet stabbilita mid-DĠ RTD għall-programm FP7 kollu kienet ta' 3,52 %. Minħabba l-perċentwal baxx tal-pagamenti taħt l-FP7 li saru fl-2019 (madwar 11 %), ir-rata tal-iżball residwu għall-pagamenti operazzjonali totali li saru mill-ECSEL fl-2019, madankollu, hija meqjusa li hija taħt is-soll ta' materjalità.

2.29. Għall-pagamenti ta' għotja taħt H2020, il-JUs kollha li jimplimentaw proġetti taħt H2020 irrappurtaw rata tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, ibbażata fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* tal-CAS fi tmiem l-2019.

L-awditu li wettaqna ta' kampjun ta' pagamenti ta' għotja fil-livell tal-benefiċjarji fl-2019 ikkonferma r-riżultati tal-awditjar *ex post* relatati mal-ispejjeż għall-persunal iddikjarati

2.30. Fl-2018 u l-2019, il-QEA rrieżaminat, fuq bażi ta' kampjun, l-awditi *ex post* imwettqa mill-CAS u mill-awdituri esterni kkuntrattati tagħha. Kif inhu rrappurtat fil-kapitolu rispettiv tar-Rapporti Annwali 2018 u 2019 tal-QEA[12], dan ir-rieżaminar żvela differenzi metodoloġiċi u dgħufijiet fil-kwalità tal-awditjar, li jwasslu għal dikjarazzjoni

[12] Ara r-Rapport Annwali 2018 tal-QEA, il-Kapitolu 5 (il-paragrafi 5.31 – 5.34) u r-Rapport Annwali 2019 tal-QEA, il-Kapitolu 4 (il-paragrafi 4.28 u 4.29), li rrappurtaw li b'kuntrast mal-metodu ta' kalkolu li jintuża mill-QEA, il-perċentwal ta' żball rappreżentattiv tal-CAS għal kull tranżazzjoni awditjata li tkun relatata ma' H2020 jiġi kkalkulat abbażi tal-ammont totali tad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż, aktar milli fuq l-ammont tal-elementi ta' spejjeż ikkampjunati għal awditi dettaljati u twettiq mill-ġdid.

insuffiċjenti tar-rata ta' żball għall-pagamenti taħt H2020. Barra minn hekk, ir-rata tal-iżball residwu rrappurtata mis-seba' JUs relatati ma' H2020 (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL, BBI, u S2R) fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi tagħhom mhijiex direttament kumparabbli mar-rata ta' żball li ġiet ippubblikata fir-Rapport Annwali 2019 tal-QEA għan-nefqa tal-Kummissjoni għar-riċerka[13].

2.31. Għaldaqstant, aħna aġġustajna l-approċċ tal-awditjar tagħna għall-2019 u ssupplimentajna l-aċċertament li fittixna mill-awditi *ex post*, b'awditu dettaljat fil-livell tal-benefiċjarji (ittestjar sostantiv) għal kampjun ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti li saru mill-JUs. Dawn it-tranżazzjonijiet ntgħażlu b'mod aleatorju (kampjun ibbażat fuq il-MUS) minn popolazzjoni tal-pagamenti ta' għotja *interim* u finali kollha li saru fl-2019, mis-seba' JUs li jimplimentaw il-proġetti taħt l-FP7 u taħt H2020.

2.32. L-awditi dettaljati tagħna kkonfermaw żbalji sistemiċi fir-rigward tal-ispejjeż għall-persunal iddikjarati, li kienu nqabdu wkoll kif ukoll ġew irrappurtati mill-awdituri li kienu inkarigati mill-awditi *ex post*. Is-sorsi prinċipali ta' żball li nstabu kienu:

— ir-rati fis-siegħa li ma kinux ibbażati fuq sena finanzjarja kkompletata;

— is-sigħat ta' xogħol mitluba fuq vaganzi;

— l-użu ta' sigħat produttivi individwali, li huwa pprojbit fejn id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ikunu bbażati fuq ir-rati fis-siegħa ta' kull xahar;

— ir-rati unitarji li kienu jinkludu elementi stmati li ddevjaw sinifikattivament mir-rati unitarji effettivi.

[13] B'kuntrast mar-rata ta' żball li ġiet ikkalkulata mill-QEA, ir-rata tal-iżball residwu kkalkulata mill-JUs (abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* u f'konformità mal-formula ta' strateġija tal-awditjar *ex post* ta' H2020 tal-CAS), tinkludi l-korrezzjoni tal-iżbalji kollha li nqabdu fil-pagamenti awditjati, kif ukoll il-korrezzjoni ta' żbalji sistemiċi fil-pagamenti mhux awditjati ta' benefiċjarji awditjati (l-hekk imsejħa "estensjoni").

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 4

Aktar simplifikazzjoni tar-regoli dwar id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal hija prekundizzjoni għal programmi futuri, biex ir-rati ta' żball għall-pagamenti ta' għotja għar-riċerka jiġu stabbilizzati u jinżammu taħt is-soll ta' materjalità (eż. l-introduzzjoni ta' rata ta' kuljum fissa li tissostitwixxi t-tliet opzjonijiet għal kalkoli tar-rata fis-siegħa). Il-JUs jistgħu jużaw ukoll l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati. Fl-2018 u fl-2019, l-S2R użat b'suċċess l-iskema ta' finanzjament bbażata fuq somom f'daqqa bħala proġett pilota, għal sejħiet ristretti għall-membri tagħha. Madankollu, skema effettiva ta' finanzjament bbażata fuq somom f'daqqa tirrikjedi bażi ta' *data* tal-benefiċjarji li tkun soda u li jkollha *data* finanzjarja affidabbli li tkopri bosta snin, biex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti somom f'daqqa li jkunu xierqa.

Il-proċess ta' ppjanar u evalwazzjoni tal-F4E għall-akkwisti wera nuqqasijiet

2.33. L-awditu tal-konformità li wettaqna tal-proċeduri ta' akkwist tal-F4E għal kuntratti b'valur għoli żvela nuqqasijiet fil-proċess ta' ppjanar u evalwazzjoni tal-akkwist.

2.34. Rigward il-proċess ta' ppjanar, għal proċedura waħda, id-dati ta' skadenza ippubblikati inizjalment ma kinux realistiċi, billi ma ħadux inkunsiderazzjoni għalkollox il-kumplessità kemm tal-proċess innifsu kif ukoll tal-kuntratt. F'dak li jirrigwarda l-proċess ta' evalwazzjoni, f'każ wieħed l-F4E JU ma speċifikatx b'mod ċar ir-rekwiżiti tekniċi minimi, li fihom infushom jiġu esklużi min-negozjati. F'każ ieħor, il-piż amministrattiv li jinġarr meta tiġi pprovduta prova ta' ekwivalenza maċ-ċertifikazzjoni speċifika, li hija meħtieġa bħala parti mill-kriterji tal-għażla, seta' skoraġġixxa lil kuntratturi potenzjali b'ċertifikazzjonijiet ekwivalenti milli jippreżentaw offerta.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 5

L-F4E hija mħeġġa biex ittejjeb il-proċess ta' ppjanar ta' akkwist tagħha billi, mill-bidu nett, tippubblika skedi ta' żmien realistiċi fid-dokumenti tal-offerti, filwaqt li tieħu kont tal-kumplessità kemm tal-proċedura tal-offerti (eż. żjarat fuq il-post) kif ukoll tal-kuntratt.

Barra minn hekk, l-F4E hija mħeġġa biex ittejjeb il-proċess ta' evalwazzjoni u negozjar tagħha, billi tevita li titlob rekwiżiti speċifiċi ta' kwalifika bħala parti mill-kriterji tal-għażla u billi tiddefinixxi b'mod ċar l-ambitu tan-negozjar fid-dokumenti tal-offerti.

Id-dgħufijiet tal-F4E fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-proġetti jqiegħdu l-effettività operazzjonali tagħha f'riskju

2.35. Fil-qafas tat-tmien valutazzjoni annwali tal-F4E, il-bord ta' esperti identifika bosta problemi u riskji fil-livell tal-maniġment superjuri u ta' kultura korporattiva. Barra minn hekk, huwa osserva li l-F4E qed tuża dejjem aktar riżorsi kkuntrattati jew internalizzati, biex tegħleb ir-restrizzjonijiet għall-persunal statutorju mit-tabella tal-persunal tagħha, anki għal pożizzjonijiet li jitqiesu li jeħtieġu kompetenzi ewlenin. Fl-2019, il-livell ta' dawn ir-riżorsi kien ta' madwar 289 persuna (jew 62 %) tal-persunal statutorju, stabbilit fit-tabella tal-persunal. Is-sitwazzjoni, jekk tibqa' mhux solvuta, tista' taffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-persunal.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 6

L-F4E hija mħeġġa biex tindirizza l-problemi u r-riskji relatati, imqajma mill-panel ta' esperti, fl-oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani u fl-użu importanti ta' riżorsi kkuntrattati jew internalizzati.

2.36. Fl-2019, grupp *ad hoc* maħtur mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E rrieżamina s-sistema ta' rappurtar attwali tal-F4E u ppropona l-introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-valur gwadanjat (EVM)[14], li ġiet approvata mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E.

[14] L-EVM tgħin lill-maniġers tal-proġetti biex ikejlu l-prestazzjoni tal-proġetti. Hija tikkostitwixxi proċess sistematiku għall-monitoraġġ tal-proġetti li jintuża biex jinstabu devjazzjonijiet fil-progress tal-proġetti abbażi tat-tqabbil tax-xogħol imwettaq u dak ippjanat. Din is-sistema tintuża għall-kontroll tal-ispejjeż u tal-iskeda ta' żmien, u biex tipprovdi *data* kwantitattiva għat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-proġetti. Il-linja bażi tal-

Madankollu, is-sistema EVM proposta ma tiħux inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-esperti indipendenti u ma tipprovdix informazzjoni ċara dwar il-progress tekniku li ntlaħaq f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż imġarrba sa dakinhar, rigward it-total tal-obbligi tat-twassil tal-F4E JU għall-proġett ITER.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 7

L-F4E hija mħeġġa tevalwa mill-ġdid l-effettività tas-sistema EVM il-ġdida matul il-fażi ta' implimentazzjoni u tinforma lill-Bord ta' Tmexxija dwar ir-riżultati.

Il-JUs qed iwettqu segwitu għas-sejbiet tal-awditjar mis-snin preċedenti

2.37. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-JUs ħadu azzjoni korrettiva biex jagħtu segwitu għall-osservazzjonijiet u l-kummenti li saru fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna mis-snin preċedenti. Id-dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi għall-opinjonijiet tagħna fil-Kapitolu 3.

2.38. Il-***Figura 2.2*** turi li, għas-26 osservazzjoni li ma kinux ġew indirizzati sa tmiem l-2018, l-azzjoni korrettiva ttieħdet fl-2019 biex 20 osservazzjoni (77 %) setgħu jiġu kkompletati filwaqt li 6 osservazzjonijiet (23 %) kienu għadhom għaddejjin sa tmiem l-2019[15].

proġett hija komponent essenzjali tal-EVM u sservi bħala punt ta' referenza għall-attivitajiet kollha relatati mal-EVM.

[15] Nota: Għas-CS, l-IMI, l-FCH u l-F4E, l-osservazzjonijiet kollha mis-snin preċedenti ġew ikkompletati minħabba l-azzjonijiet korrettivi tal-JUs li kienu ttieħdu matul l-awditu tal-2019.

Figura 2.2 – Sforzi mill-JUs biex jagħtu segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti



Sors: il-QEA.

Riżultati tal-awditjar minn dokumenti reċenti oħra tal-QEA li jiffukaw fuq il-JUs

2.39. Minbarra r-rapport annwali tal-awditjar relatat mal-kontijiet annwali tal-JUs, matul l-2019 aħna ħriġna wkoll għadd ta' rapporti speċjali tal-awditjar, li kienu jirreferu għall-JUs (ara l-***Figura 2.3***).

Figura 2.3 – Riżultati tal-awditjar minn dokumenti oħra relatati mal-JUs u mar-riċerka, maħruġa reċentement mill-QEA

Dokument Informattiv u Analitiku 2019:
Appoġġ tal-UE għall-ħżin tal-enerġija: sfidi li jridu jiġu indirizzati

Dan id-Dokument Informattiv u Analitiku jiddeskrivi u janalizza dak li qed isir mill-UE fil-qasam tat-teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija li jipprovdu rispons flessibbli għall-iżbilanċi kkawżati minn sehem akbar ta' sorsi varjabbli tal-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari u l-enerġija eolika, fil-grilja elettrika. Aħna ffukajna fuq l-investimenti ffinanzjati mill-baġit tal-UE u identifikajna seba' sfidi prinċipali għall-appoġġ mogħti mill-UE għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' riċerka u innovazzjoni effettivi biex taċċellera t-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE u tintroduċi fis-suq teknoloġiji ġodda u promettenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Bejn l-2014 u Ottubru 2018, Orizzont 2020, jiġifieri l-programm prinċipali ta' riċerka tal-Kummissjoni, kien alloka EUR 1.34 biljun għal proġetti relatati mal-ħżin tal-enerġija fuq il-grilja jew għall-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Aħna sibna li l-Kummissjoni ħadet passi biex tissimplifika dan il-programm, iżda għad hemm lok biex tkompli titnaqqas il-kumplessità tal-finanzjament li jingħata mill-UE għar-riċerka u biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' kumpaniji innovattivi. Hemm ukoll ir-riskju li l-UE ma appoġġatx biżżejjed l-adozzjoni fis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ħżin tal-enerġija.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2019 tal-QEA:
Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-finanzjament ma kienx meħtieġ - mobilizzazzjoni tas-SESAR

Fl-2005, l-UE nediet programm magħruf bħala SESAR biex jarmonizza u jimmodernizza s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa kollha. Dawn is-sistemi tradizzjonalment ġew żviluppati fil-livell nazzjonali. B'mod globali, l-UE impenjat EUR 3.8 biljun favur is-SESAR bejn l-2005 u l-2020, li minnhom EUR 2.5 biljun ġew assenjati biex jingħata appoġġ għall-mobilizzazzjoni ta' dawn is-sistemi u l-proċeduri.

F'dan l-awditu, aħna eżaminajna l-intervent tal-UE fil-fażi ta' mobilizzazzjoni tas-SESAR, il-pilastru teknoloġiku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-UE. Aħna kkonkludejna li l-intervent regolatorju li sar mill-UE fil-forma ta' proġetti komuni pprovda valur miżjud. Madankollu sibna wkoll li, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament li ngħata mill-UE bħala appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-ATM ma kienx meħtieġ, u li l-ġestjoni tal-finanzjament hija affettwata minn xi nuqqasijiet. Aħna għamilna wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea bħala għajnuna għat-titjib tal-appoġġ li hija tagħti għall-modernizzazzjoni tal-ATM.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2020 tal-QEA:
It-tħaddim tal-Istrument għall-SMEs: programm effettiv u innovattiv li qed jiffaċċja xi sfidi

L-Istrument għall-SMEs ġie stabbilit taħt il-programm qafas għar-riċerka Orizzont 2020 biex jappoġġa l-innovazzjoni f'intrapriżi żgħar u medji (SMEs). L-objettiv tiegħu huwa l-iżvilupp u l-kapitalizzazzjoni fuq il-potenzjal tal-SMEs billi timtela l-lakuna fl-iffinanzjar fil-fażi bikrija ta' proġetti ta' riskju għoli u tiżdied il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fis-settur privat. Huwa mmirat lejn SMEs innovattivi fl-UE u f'16-il pajjiż assoċjat. B'baġit ġenerali ta' EUR 3 biljun għall-perjodu 2014-2020, l-istrument jipprovdi għotjiet lil kumpaniji b'potenzjal ta' rata għolja ta' tkabbir.

Aħna eżaminajna jekk huwa kienx immirat lejn it-tip it-tajjeb ta' SMEs; kisibx kopertura ġeografika wiesgħa; il-proċess tal-għażla kienx effettiv, u jekk il-Kummissjoni mmonitorjatx l-istrument b'mod adegwat.

Aħna sibna li huwa jipprovdi appoġġ effettiv lill-SMEs fl-iżvilupp tal-proġetti ta' innovazzjoni tagħhom, iżda identifikajna riskju li l-istrument jiffinanzja xi SMEs li setgħu ġew iffinanzjati mis-suq, li l-parteċipazzjoni fl-Istrument tvarja b'mod notevoli fost il-pajjiżi parteċipanti, u li s-sottomissjoni mill-ġdid ta' proposti rifjutati hija ħela li dejjem tiżdied ta' riżorsi ta' ġestjoni u evalwazzjoni, mingħajr ma jiġi pprovdut valur miżjud.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

Sors: il-QEA.

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 3

Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni

tal-Impriżi Konġunti tal-UE

3.1. Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta’ assigurazzjoni

Bażi għal opinjonijiet

3.1.1. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards jingħataw f’aktar dettall fit-taqsima “Responsabbiltajiet tal-awditur” fir-rapport tagħna. F’konformità mal-Kodiċi ta’ Etika għall-Kontabilisti Professjonali maħruġ mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti (il-Kodiċi tal-IESBA) u mar-rekwiżiti etiċi li huma rilevanti għall-awditu tagħna, aħna indipendenti u wettaqna r-responsabbiltajiet etiċi l-oħra tagħna skont dawn ir-rekwiżiti u l-Kodiċi tal-IESBA. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta’ dawk inkarigati mill-governanza

3.1.2. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji tal-JUs, il-maniġment ta’ kull waħda minn dawn il-JUs huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tagħhom abbażi ta’ standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta’ kontrolli interni rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta’ rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-qafas regolatorju tal-awtoritajiet li jirregolawhom.

3.1.3. Fit-tħejjija tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-JU li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma’ negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta’ negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

3.1.4. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-JUs.

Ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

3.1.5. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli li l-kontijiet tal-JUs ikunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunu legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda ma jiggarantix li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

3.1.6. Għad-dħul, aħna nivverifikaw il-kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti mingħand il-Kummissjoni, mingħand sħab oħra, jew mingħand il-pajjiżi parteċipanti u nivvalutaw il-proċeduri tal-JUs għall-ġbir ta' introjtu ieħor, jekk ikun il-każ.

3.1.7. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u JU taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

3.1.8. F'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

— Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbu evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna. Ir-riskju li ma jinqabdux jew dikjarazzjoni skorretta

materjali jew inkella nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huwa ogħla mir-riskju li dawn ma jinqabdux meta jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew każijiet fejn jinqabżu l-kontrolli interni.

— Niksbu fehim tal-kontrolli interni rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux biex nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.

— Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.

— Nilħqu konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, jekk tkunx teżisti inċertezza materjali relatata ma' avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-JU li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tal-awditur tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tal-awditur tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.

— Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet, inklużi d-divulgazzjonijiet, u jekk il-kontijiet ikunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

— Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar dwar l-informazzjoni finanzjarja tal-JUs biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna responsabbli mit-tmexxija, is-superviżjoni u l-prestazzjoni tal-awditu. Nibqgħu unikament responsabbli mill-opinjonijiet tal-awditjar li nagħtu.

— Inqisu x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-JUs kif stipulat fl-Artikolu 70(6) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE[16].

[16] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3.1.9. Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi defiċjenzi sinifikanti fil-kontrolli interni li aħna nidentifikaw matul l-awditu tagħna.

3.1.10. Mill-kwistjonijiet li dwarhom inkunu kkomunikajna mal-JUs, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-perjodu attwali, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tal-awditur tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni jew meta, f'ċirkustanzi rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji ta' din il-komunikazzjoni għall-interess pubbliku.

Impriżi Konġunti li jimplimentaw il-Programmi Qafas tal-UE

3.2. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)

Introduzzjoni

3.2.1. Il-JU għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li tinsab fi Brussell, twaqqfet fi Frar 2007 għal perjodu ta' tmien snin[17] (SESAR 1). F'Ġunju 2014, il-Kunsill emenda r-regolament fundatur u estenda t-tul ta' ħajja tal-JU sal-31 ta' Diċembru 2024[18] (SESAR 2020).

3.2.2. Is-SESAR JU hija sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp tal-ġestjoni mmodernizzat tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DĠ Move), u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol)[19]. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess fl-2015, 19-il entità pubblika u privata mis-settur tal-avjazzjoni saru membri tal-JU. Dawn jinkludu manifatturi ta' inġenji tal-ajru, manifatturi ta' tagħmir tal-art u tal-ajru, fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, u fornituri ta' servizzi fl-ajruporti.

---

[17] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1), emendat bir-Regolament (KE) Nru 1361/2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

[19] L-Eurocontrol hija organizzazzjoni internazzjonali li tappartjeni għal 41 Stat Membru. L-UE ddelegat lill-Eurocontrol partijiet mir-Regolamenti tagħha dwar l-Ajru Uniku Ewropew, biex b'hekk din saret l-organizzazzjoni ċentrali għall-koordinazzjoni u għall-ippjanar tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-Ewropa kollha. L-UE nfisha hija firmatarja tal-Eurocontrol u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tagħha.

3.2.3. It-***Tabella 3.2.1*** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[20].

Tabella 3.2.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	125,7	94,8
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	119,6	129,5
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	183,3	166,3
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	161,0	175,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	40	42

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.2.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[21] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[22] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[20] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.sesarju.eu.

[21] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[22] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.2.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.2.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.2.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.2.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.2.9. Il-programm SESAR 1 ingħalaq formalment fl-2016, u fl-2019 ġew ikkompletati l-aħħar pagamenti korrettivi u rkupri ta' pagamenti eċċessivi li kienu saru lill-benefiċjarji.

3.2.10. It-*Tabella 3.2.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għas-SESAR 1 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.2.2 – Kontribuzzjonijiet mogħtija mill-membri għas-SESAR 1 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ Move)	700,0	M/A	700,0	634,1	0,0	0,0	M/A	634,1
L-Eurocontrol	700,0	M/A	700,0	137,8	422,9	0,0	M/A	560,7
Membri privati	584,3	M/A	584,3	25,5	514,3	0,0	M/A	539,8
Total	1 984,3	M/A	1 984,3	797,4	937,2	0,0	M/A	1 734,6

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.2.11. Fi tmiem l-2019, l-eċċess f'kontribuzzjonijiet ta' flus kontanti għall-programm SESAR 1 ammonta għal EUR 30,7 miljun. Ibbażat fuq l-informazzjoni kontabilistika tal-JU, dan l-ammont jeħtieġ jiġi rimborżat lill-membri rispettivi tal-JU kif ġej: EUR 23,8 miljun lill-Kummissjoni, EUR 4,8 miljun lill-Eurocontrol, u EUR 2,1 miljun lill-membri tal-industrija. Madankollu, skont ir-regolament fundatur emendat tal-JU, rimborż ta' kontribuzzjonijiet ta' flus kontanti eċċessivi jista' jsir biss mal-għeluq formali tal-JU fl-2024, dment li l-Bord Amministrattiv tal-JU ma jipproponix lill-Kummissjoni minn qabel li s-SESAR JU tiġi xolta[23]. Il-JU infurmat lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni f'Mejju 2018 u f'April 2019. Fin-nuqqas ta' soluzzjoni prammatika għal rimborż bikri, dawn il-fondi jibqgħu għand il-JU mingħajr ma jintużaw għal proġetti ta' riċerka, u dan huwa kontra l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

[23] L-Artikolu 5(k) u l-Artikolu 13 tal-Istatuti tas-SESAR JU, mehmużin bħala annessi mar-Regolament (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014 tal-Kunsill (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

Osservazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.2.12. It-*Tabella 3.2.3* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għas-SESAR 2020 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.2.3 – Kontribuzzjonijiet mogħtija mill-membri għas-SESAR 2020 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ Move)	585,0	M/A	585,0	331,0	0,0	0,0	M/A	331,0
L-Eurocontrol	500,0	M/A	500,0	13,7	59,6	120,4	M/A	193,7
Membri privati	500,0	M/A	500,0	5,3	107,9	58,9	M/A	172,1
Total	1 585,0	M/A	1 585,0	350,0	167,5	179,3	M/A	696,8

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.2.13. Għall-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 95 % u ta' 83,6 %, rispettivament.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.2.14. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet diġà kkompletat analiżi tal-lakuni bbażata fuq is-sistema ta' kontroll intern eżistenti u ddefiniet indikaturi (l-hekk imsejħa "mezzi") għall-maġġoranza tal-prinċipji ta' kontroll intern ġodda u l-karatteristiċi relatati. Madankollu, il-biċċa l-kbira minn dawn l-indikaturi kienu relatati mal-eżistenza ta' attività tal-kontroll, aktar milli mal-effettività tagħha. Il-JU għad trid tiżviluppa indikaturi ewlenin tal-kontroll biex tivvaluta l-effettività tal-attivitajiet tal-kontroll tagħha u taqbad dgħufijiet fil-kontroll.

3.2.15. Għall-pagamenti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2,61 % u rata tal-iżball residwu ta' 1,61 % għall-proġetti taħt

Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[24]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[25], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu] sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

3.2.16. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati ma wrewx żbalji sinifikanti jew dgħufijiet kbar, fil-kontrolli fost il-benefiċjarji tal-JU magħżula fil-kampjun.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.2.17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

[24] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tas-SESAR JU, il-punti 5.3.1 u 5.3.2.

[25] COM(2011) 809 final.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	Fi tmiem l-2017, fil-fażi ta' għeluq tal-programm SESAR 1, il-JU kellha tikkanċella EUR 30 miljun (19 %) f'impenji pendenti (obbligazzjonijiet ta' pagament) minħabba l-aġġustament jew il-kanċellazzjoni ta' proġetti taħt is-SESAR 1. Konsegwentement, fi tmiem is-sena l-obbligazzjonijiet ta' pagament tal-JU li kienu għadhom miftuħa għal għotjiet relatati mas-SESAR 1 kienu jammontaw għal madwar EUR 47 miljun.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-JU ġie adottat mill-Bord Amministrattiv tas-SESAR f'Mejju 2018. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi ħafna azzjonijiet, li għalihom diġà bdew ċertu għadd ta' attivitajiet. Il-maġġoranza huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u fl-ewwel tliet xhur tal-2019, filwaqt li xi wħud se jitqiesu għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Ikkompletata
2018	Approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati ta' EUR 40 miljun mis-snin preċedenti ġew riportati għall-2018 għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet żejda fi flus kontanti riċevuti mill-membri tal-industrija tas-SESAR 1[26] u għall-pagament ta' talbiet dwar l-ispejjeż li ġew ippreżentati tard iżda li xorta kienu ġġustifikati għall-proġetti taħt l-FP7 u t-TEN-T. Madankollu, fi tmiem l-2018, EUR 1,8 miljun (5 %) biss minn dawn l-approprjazzjonijiet	Ikkompletata

[26] L-Artikoli 13 u 25 tal-istatuti tas-SESAR JU, annessi mar-Regolament (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014 u l-Artikolu 4 tal-ftehimiet individwali tal-JU mal-membri tal-industrija.

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
	setgħu jintużaw għal pagamenti korrettivi bħal dawn, EUR 20 miljun (50 %) kellhom jiġu kkanċellati, u EUR 18,2 miljun (45 %) ġew riportati għall-2019.	
2018	Fi tmiem l-2018, fil-fażi tal-għeluq tal-programm SESAR 1, il-JU kienet għadha qed turi impenji miftuħa ta' EUR 61,4 miljun. Billi l-programm ingħalaq fi tmiem l-2016 u l-aħħar pagament ta' għotja sar fi tmiem l-2017, dawn ir-riżorsi li ġew allokati għall-JU mhumiex se jintużaw kompletament.	Għadha għaddejja
2018	Ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni u r-rata għolja ta' kanċellazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt Orizzont 2020 disponibbli fl-2018 kienu prinċipalment dovuti għall-fatt li l-JU tuża: — ippjanar konservattiv għall-baġit, meta jitqies ir-riskju li l-ftehimiet ta' delega annwali relatati mal-implimentazzjoni finanzjarja jaslu tard; — approċċ fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit, li ma jiħux kont sħiħ tal-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin preċedenti, li jkunu reġgħu ddaħħlu fil-baġit tas-sena.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.2.11. Sabiex issolvi din is-sitwazzjoni, l-Impriża Konġunta SESAR bagħtet abbozz ta' deċiżjoni lill-Bord Amministrattiv għall-konsiderazzjoni tiegħu biex jipprovdi lill-Impriża Konġunta SESAR bil-bażi legali biex tipproċedi bir-rimborż tal-kontribuzzjonijiet ta' flus żejda relatati ma' SESAR 1. Din id-deċiżjoni bħalissa tinsab fil-proċess ta' Proċedura bil-Miktub. Hekk kif tittieħed id-deċiżjoni, l-Impriża Konġunta SESAR se tesegwixxi r-rimborżi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-DĠ BUDG. Dan se jippermetti l-għeluq malajr tal-kontijiet ta' SESAR 1.

3.2.14. L-Impriża Konġunta SESAR bdiet proġett intern biex tkompli tiżviluppa l-indikaturi ta' kontroll ewlenin rilevanti biex tivvaluta l-effettività tal-attivitajiet tal-kontroll tagħha u tidentifika dgħufijiet fil-kontroll. Dawn l-azzjonijiet se jibnu fuq il-ħidma li ilha ssir sa mill-2017 u huma maħsuba li jiġu implimentati sat-tmiem tal-2020.

3.3. L-Impriża Konġunta “Clean Sky” (Clean Sky)

Introduzzjoni

3.3.1. Il-JU għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-Ajrunawtika (il-Clean Sky JU) li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f’Diċembru 2007 taħt is-Seba’ Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta’ 10 snin[27] (“Clean Sky 1”). Fis-6 ta’ Mejju 2014, il-Kunsill estenda t-tul ta’ żmien tal-operat tal-JU għall-perjodu sal-31 ta’ Diċembru 2024[28] (Clean Sky 2).

3.3.2. Il-Clean Sky JU hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-ajrunawtika. Il-membri fundaturi tal-JU taħt ir-regolament il-ġdid huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DĠ RTD), u membri privati li jikkonsistu mill-Mexxejja u l-Assoċjati industrijali tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs), tal-Pjattaformi ta’ Dimostrazzjoni ta’ Mezzi tal-Ajru Innovattivi (IADPs) u tal-Oqsma Trasversali (TAs). Barra minn hekk, il-JU tikkoopera ma’ “sħab ewlenin” industrijali magħżula permezz ta’ sejħiet miftuħa u kompetittivi[29]. Dawn is-sħab ingħataw status ta’ membri privati taħt ir-Regolament Fundatur tal-Clean Sky 2.

---

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1).

[28] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta’ Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

[29] Fl-2008, 16-il Mexxej u 66 Assoċjat ingħaqdu mal-ewwel fażi tal-Impriża Konġunta “Clean Sky” (il-programm “Clean Sky 1”). F’konformità mal-Artikolu 4(6) tal-Istatuti annessi mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014, l-Assoċjati taħt il-programm “Clean Sky 1” iżommu l-istatus tagħhom sal-ikkompletar tal-attivitajiet ta’ riċerka tagħhom u sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2017. Fl-2017, wara l-ikkompletar tar-raba’ Sejħa għal Sħab ewlenin li tnediet fl-2016, il-JU għalqet il-proċedura tal-għażla u tal-adeżjoni għas-sħubija b’total ta’ aktar minn 230 entità ġuridika involuti fil-programm Clean Sky 2. Din tinkludi 16-il Mexxej flimkien mal-entitajiet assoċjati u l-partijiet terzi relatati tagħhom, kif ukoll is-Sħab Ewlenin magħżula flimkien mal-entitajiet assoċjati u l-partijiet terzi relatati tagħhom.

3.3.3. It-***Tabella 3.3.1*** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[30].

Tabella 3.3.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	327,8	336,4
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	294,9	294,6
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	341,4	343,8
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	305,8	371,1
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	42	40

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.3.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[31] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[32] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[30] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.cleansky.eu.

[31] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[32] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.3.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.3.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.3.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.3.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.3.9. It-*Tabella 3.3.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għall-"Clean Sky 1" fi tmiem l-2019.

Tabella 3.3.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-"Clean Sky 1" (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	800,0	M/A	800,0	800,0	0,0	0,0	M/A	800,0
Membri privati	600,0	M/A	600,0	14,9	594,1	-1,1	M/A	607,9
Total	1 400,0	M/A	1 400,0	814,9	594,1	-1,1	M/A	1 407,9

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.3.10. Il-programm FP7 tal-JU ngħalaq formalment fl-2017 b'livell ta' implimentazzjoni ta' kważi 100 %. Fl-2019, il-JU xorta waħda għamlet irkupri ta' madwar EUR 1,1 miljun li oriġinaw minn prefinanzjamenti pendenti u riżultati tal-awditjar *ex post*.

Osservazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.3.11. It-*Tabella 3.3.3* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għall-"Clean Sky 2" fi tmiem l-2019.

Tabella 3.3.3 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-"Clean Sky 2" (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	1 755,0	0,0	1 755,0	1 139,7	0,0	0,0	0,0	1 139,7
Membri privati	1 228,5	965,3	2 193,8	18,8	273,9	320,1	899,9	1 512,7
Total	2 983,5	965,3	3 948,8	1 158,5	273,9	320,1	899,9	2 652,4

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.3.12. Għall-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 99,8 % u ta' 97,3 %, rispettivament.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.3.13. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet implimentat il-QKI l-ġdid u diġà kienet żviluppat indikaturi ewlenin tal-kontroll għall-prinċipji kollha ta' kontroll, biex tiġi vvalutata l-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll tagħha u biex jinqabdu dgħufijiet fil-kontroll.

3.3.14. Għall-pagamenti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1,30 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,92 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[33]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[34], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu] sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

3.3.15. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati żvelaw żbalji sistemiċi relatati mal-ispejjeż marbuta mal-persunal, li ġew iddikjarati. Is-sorsi prinċipali ta' żbalji kienu: l-użu ta' sigħat produttivi individwali, li huwa pprojbit fejn id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ikunu bbażati fuq ir-rati fis-siegħa ta' kull xahar; u l-użu ta' rati unitarji, inklużi elementi stmati li ddevjaw sinifikattivament mir-rati unitarji effettivi. Ir-riżultati jindikaw riskju ogħla ta' żball għall-JU, minħabba l-għadd kbir ta' membri privati u ta' affiljati parteċipanti li jimplimentaw il-proġetti tal-JU taħt Orizzont 2020.

---

[33] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-Clean Sky JU, il-paġni 91 – 99.

[34] COM(2011) 809 final.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.3.16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Fl-2017 u l-2018, ir-rati ta' dawran tal-persunal fil-JU kienu għoljin kemm għall-aġenti temporanji kif ukoll għal dawk kuntrattwali. Għall-persunal temporanju, ir-rata ta' dawran żdiedet b'mod sinifikanti fl-2018, għal kważi 17 %, billi erba' uffiċjali ta' proġetti telqu mill-JU. Fl-2018, l-użu tas-servizzi ta' persunal *interim* kważi rdoppja.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-QEA.

3.4. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI)

Introduzzjoni

3.4.1. Il-JU għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007[35] għal perjodu ta' 10 snin (IMI 1). F'Mejju 2014, il-Kunsill adotta Regolament fundatur ġdid li estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-JU sal-31 ta' Diċembru 2024[36] (IMI 2).

3.4.2. L-Impriża Konġunta IMI hija sħubija pubblika-privata li twettaq riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa. Il-membri fundaturi tal-JU huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DĠ RTD), u s-settur farmaċewtiku, irrappreżentat mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA).

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

[36] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

3.4.3. It-*Tabella 3.4.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[37].

Tabella 3.4.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	200,1	179,6
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	134,1	275,6
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	231,3	236,0
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	261,4	485,6
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	53	48

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.4.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[38] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[39] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[37] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.imi.europa.eu.

[38] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[39] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.4.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.4.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.4.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.4.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.4.9. It-*Tabella 3.4.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għall-IMI 1 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.4.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-IMI 1 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	1 000,0	M/A	1 000,0	924,8	0,0	0,0	M/A	924,8
Membri privati	1 000,0	M/A	1 000,0	21,9	688,6	69,7	M/A	780,2
Total	2 000,0	M/A	2 000,0	946,7	688,6	69,7	M/A	1 705,0

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.4.10. Għall-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 97 %.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.4.11. It-*Tabella 3.4.3* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal IMI 2 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.4.3 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-IMI 2 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	1 638,0	M/A	1 638,0	423,7	0,0	0,0	M/A	423,7
EFPIA	1 425,0	M/A	1 425,0	15,6	202,6	117,4	M/A	335,6
Sħab Assoċjati	213,0	M/A	213,0	5,7	8,2	26,8	M/A	40,7
Total	3 276,0	M/A	3 276,0	445,0	210,8	144,2	M/A	800,0

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.4.12. Għall-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 100 % u ta' 98 %, rispettivament.

3.4.13. Wara l-implimentazzjoni ta' bosta miżuri korrettivi mill-IMI, fl-2019 il-JU tejbet sinifikattivament l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa tagħha għal approprjazzjonijiet ġodda ta' pagament. Madankollu, kien jeħtieġ li l-JU trodd lura EUR 139,1 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2019 għall-baġit tal-UE

minħabba inqas suġġetti għal sejħiet għal proposti fil-Pjan ta' Ħidma Annwali 2019. Minħabba t-tnaqqis riżultanti fil-ħtieġa għal esperti fl-evalwazzjonijiet, il-JU użat biss EUR 2,8 miljun (jew 49 %) mill-EUR 5,8 miljun tal-Baġit 2019 disponibbli għan-nefqa fuq l-infrastruttura (it-Titolu 2 tal-baġit).

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.4.14. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet implimentat il-QKI l-ġdid u żviluppat indikaturi għall-valutazzjoni tal-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll għall-prinċipji ta' kontroll intern kollha u għall-karatteristiċi relatati. L-2019 kienet it-tieni sena ta' awtovalutazzjoni, min-naħa tal-JU, tal-attivitajiet ta' kontroll intern tagħha taħt il-qafas il-ġdid.

3.4.15. Għall-pagamenti *interim* u dawk finali taħt l-FP7, il-JU twettaq awditi *ex post* fl-uffiċċji tal-benefiċjarji, filwaqt li għal talbiet dwar l-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2,05 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,66 % għall-proġetti tagħha taħt l-FP7[40], u rata ta' żball rappreżentattiva ta' 0,85 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,52 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[41]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[42], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu ta' żball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu], sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

[40] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-IMI2 JU, il-punt 4.3.

[41] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-IMI2 JU, il-punt 4.3.

[42] COM(2011) 809 final.

3.4.16. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati ma wrewx żbalji sinifikanti jew dgħufijiet kbar, fil-kontrolli fost il-benefiċjarji tal-JU magħżula fil-kampjun.

Kwistjonijiet oħra

3.4.17. Fl-2019, il-JU stabbilizzat is-sitwazzjoni tal-persunal tagħha sinifikattivament. B'mod partikolari, ir-rata ta' dawran tal-persunal naqset minn 21 % għal 5,6 %, l-ammont ta' liv fit-tul minħabba mard naqas minn erba' persuni għal persuna waħda u l-użu ta' persunal *interim* naqas minn 5,1 għal 3,8 ekwivalenti għall-full-time (FTE).

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.4.18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	Lejn tmiem l-2017, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti kienu jammontaw għal EUR 78,7 miljun. Konsegwentement, f'Lulju 2017 il-Bord ta' Tmexxija tal-JU approva tnaqqis ta' EUR 56 miljun fl-approprjazzjonijiet ta' pagament operazzjonali l-ġodda tas-sena, u f'Novembru 2017 tnaqqis ta' EUR 25,8 miljun fl-approprjazzjonijiet ta' pagament akkumulati mhux użati minn snin preċedenti. Din is-sitwazzjoni turi li, matul dawn l-aħħar snin, kienu jeżistu dgħufijiet fl-ppjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa għal approprjazzjonijiet ġodda ta' pagament.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-JU ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-IMI 2 f'Novembru 2017. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-JU. Għal dawn diġà nbdew xi attivitajiet, u l-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u fl-2019, filwaqt li xi wħud minnhom se jitqiesu fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Ikkompletata

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Fi tmiem l-2018, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti kienu jammontaw għal EUR 56,1 miljun. Konsegwentement, f'Diċembru 2018, il-Bord ta' Tmexxija tal-JU approva emenda għall-baġit biex inaqqas b'EUR 36,3 miljun l-approprjazzjonijiet ta' pagament il-ġodda tas-sena[43]. Filwaqt li meta mqabbla mas-sena preċedenti s-sitwazzjoni tjiebet b'segwitu għall-implimentazzjoni ta' bosta miżuri korrettivi mill-Impriża Konġunta IMI, id-dgħufijiet rigward l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa għal approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda baqgħu jippersistu.	Ikkompletata
2018	Fl-2018, ir-rata ta' dawran tal-persunal fil-JU kienet għolja f'medja ta' 21 % kumplessivament u kienet partikolarment għolja għall-aġenti kuntrattwali f'livell ta' madwar 60 %. Is-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba tmien każijiet ta' liv fit-tul minħabba mard li erbgħa minnhom kienu każijiet ġodda fl-2018. B'riżultat ta' dan, nofs biss mill-persunal tal-JU kien stabbli fl-2018, li żied ir-riskju li l-objettivi operazzjonali tal-JU ma jintlaħqux kif kien ippjanat. Sabiex tegħleb din il-problema tal-persunal fl-2018, il-JU għamlet użu minn persunal *interim* li kien jirrappreżenta 9,6 % tat-total tal-persunal tagħha.	Ikkompletata

[43] It-tielet emenda għall-Baġit 2018 ġiet approvata fil-5 ta' Diċembru 2018.

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-QEA.

3.5. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH)

Introduzzjoni

3.5.1. Il-JU għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-FCH JU), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2008 għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017[44] (FCH 1). F'Mejju 2014, il-Kunsill estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-JU għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024[45] (FCH 2).

3.5.2. L-FCH JU hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li tirrigwarda t-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. Il-membri fundaturi tal-JU huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni, ir-Raggruppament għall-Industrija (Hydrogen Europe) u r-Raggruppament għar-Riċerka (Hydrogen Europe Research).

[44] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1) emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 (ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3).

[45] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

3.5.3. It-*Tabella 3.5.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[46].

Tabella 3.5.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	104,2	102,4
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	87,1	79,8
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	113,9	126,5
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	91,7	85,5
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	28	27

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.5.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[47] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[48] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[46] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.fch.europa.eu.

[47] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[48] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.5.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.5.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.5.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.5.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.5.9. It-*Tabella 3.5.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għall-FCH 1 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.5.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-FCH 1 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	470,0	M/A	470,0	402,4	19,1	0,0	M/A	421,5
Membri privati	470,0	M/A	470,0	17,9	429,6	2,9	M/A	450,4
Total	940,0	M/A	940,0	420,3	448,7	2,9	M/A	871,9

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.5.10. Għall-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 95,1 %.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.5.11. It-*Tabella 3.5.3* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tal-membri għall-FCH 2 fi tmiem l-2019.

Tabella 3.5.3 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-FCH 2 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	665,0	0,0	665,0	420,0	0,0	0,0	0,0	420,0
Membri privati	95,0	285,0	380,0	6,3	5,4	26,4	667,0	705,1
Total	760,0	285,0	1 045,0	426,3	5,4	26,4	667,0	1 125,1

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.5.12. Il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali min-naħa tal-membri tal-industrija huwa dovut għall-fatt li l-JU tiċċertifikahom meta jsiru t-talbiet finali dwar l-ispejjeż. Għaldaqstant, iċ-ċertifikazzjoni tal-biċċa l-kbira mill-kontribuzzjonijiet *in natura* impenjati se ssir aktar tard fil-programm Orizzont 2020, meta jsir il-pagament finali għall-proġetti u meta ċ-ċertifikati relatati mar-rapport finanzjarju (CFS) ikunu dovuti.

3.5.13. Rigward il-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 86,3 % u ta' 100 %, rispettivament. L-approprjazzjonijiet ta' impenn ma ntużawx għalkollox, billi fuq żewġ suġġetti tas-sejħa tal-2019 ma ngħatat l-ebda offerta.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.5.14. Il-JU stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet diġà kkompletat analiżi tal-lakuni bbażata fuq is-sistema ta' kontroll intern eżistenti u żviluppat indikaturi għall-valutazzjoni tal-effettività tal-prinċipji ta' kontroll intern ġodda u l-karatteristiċi relatati.

3.5.15. Għall-pagamenti *interim* u dawk finali taħt l-FP7, il-JU twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal talbiet dwar l-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2,08 % u rata tal-iżball residwu ta' 1,08 % għall-proġetti tagħha taħt l-FP7[49], u rata ta' żball rappreżentattiva ta' 0,94 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,7 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[50]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[51], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu ta' żball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu], sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

---

[49] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-FCH2 JU, il-punt 4.3.

[50] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-FCH2 JU, il-punt 4.3.

[51] COM(2011) 809 final.

3.5.16. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati ma wrewx żbalji sinifikanti jew dgħufijiet kbar, fil-kontrolli fost il-benefiċjarji tal-JU magħżula fil-kampjun.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.5.17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-JU ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-FCH 2 f'Marzu 2018. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-JU. Għal dawn diġà nbdew xi attivitajiet, u l-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u fl-2019, filwaqt li l-bqija se jitqiesu fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-QEA.

3.6. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL)

Introduzzjoni

3.6.1. Il-JU Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014[52] għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024. L-ECSEL JU ssostitwiet u kienet is-suċċessur tal-JUs ENIAC u ARTEMIS, li ngħalqu fis-26 ta' Ġunju 2014. L-ECSEL JU bdiet topera b'mod awtonomu fis-27 ta' Ġunju 2014.

3.6.2. L-ECSEL JU hija sħubija pubblika-privata fir-riċerka tan-nanoelettronika u tas-sistemi informatiċi inkorporati. Il-membri fundaturi tal-JU huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ CONNECT), l-Istati Parteċipanti fl-ECSEL[53], u tliet assoċjazzjonijiet tal-industrija (AENEAS, ARTEMISIA u EPoSS) li jirrappreżentaw kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka attivi fl-oqsma tas-sistemi inkorporati u ċiberfiżiċi, l-integrazzjoni tas-sistemi intelliġenti u l-mikro u n-nanoelettronika.

---

[52] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

[53] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Iżrael, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, it-Turkija u r-Renju Unit.

3.6.3. It-***Tabella 3.6.1*** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[54].

Tabella 3.6.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	172,6	290,1
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	197,7	187,3
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	232,5	310,6
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	204,0	194,2
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	29	30

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.6.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[55] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[56] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[54] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.ecsel.eu.

[55] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[56] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.6.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.6.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.6.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.6.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.6.9. Fi tmiem l-2019, l-UE kkontribwiet EUR 637,6 miljun mill-fond tal-FP7 għall-kofinanzjament tal-attivitajiet tal-ECSEL JU taħt dan il-programm (dawn l-attivitajiet ġew ittrasferiti mill-JUs ARTEMIS u ENIAC), kif ukoll EUR 17,9 miljun oħra għall-kofinanzjament tal-ispejjeż amministrattivi relatati. L-impenn akkumulat għall-attivitajiet taħt l-FP7 li ġew ittrasferiti mill-ECSEL JU f'Ġunju 2014 kienu jammontaw għal EUR 447,3 miljun (EUR 101,4 miljun għall-ARTEMIS u EUR 345,9 miljun għall-ENIAC). Fi tmiem l-2019, l-ECSEL JU kienet diżimpenjat EUR 21,8 miljun (EUR 101,7 miljun għall-ARTEMIS u EUR 11,1 miljun għall-ENIAC) u ħallset EUR 372,5 miljun (EUR 78,4 miljun għall-ARTEMIS u EUR 294,1 miljun għall-ENIAC).

3.6.10. Għall-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 44,8 miljun disponibbli għall-JU fl-2019 għall-kofinanzjament ta' proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 45,3 %. Din ir-rata baxxa kienet dovuta prinċipalment għad-dewmien min-naħa tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Finanzjament (NFA) biex jipprovdu ċertifikati ta' tmiem tal-proġetti għall-attivitajiet taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejjin. Billi l-programm ingħalaq fi tmiem l-2017, dan id-dewmien iżid ir-riskju li l-fondi FP7 li diġà ġew allokati lill-JU jistgħu ma jintużawx kompletament.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.6.11. It-*Tabella 3.6.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-ECSEL JU fi tmiem l-2019.

Tabella 3.6.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-attivitajiet tal-ECSEL taħt il-programm Orizzont 2020 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ CONNECT)	1 185,0	M/A	1 185,0	681,5	0,0	0,0	M/A	681,5
Membri privati	1 657,5	M/A	1 657,5	14,9	102,5	705,4	M/A	822,8
Total	2 842,5	M/A	2 842,5	696,4	102,5	705,4	M/A	1 504,3

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.6.12. It-30 Stat Parteċipant fl-ECSEL huma meħtieġa jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mill-inqas EUR 1 170 miljun għall-attivitajiet operazzjonali tal-ECSEL JU[57].

[57] L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 561/2014.

Fi tmiem l-2019, l-Istati Parteċipanti li ħadu sehem fis-sejħiet għal proposti tal-perjodu mill-2014 sal-2018[58] iffirmaw impenji kuntrattwali li ammontaw għal EUR 763,5 miljun u għamlu pagamenti ta' EUR 341,6 miljun (29,2 % tat-total tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa). Il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti jirriżulta minn mill-fatt li xi Stati Parteċipanti jirrikonoxxu u jirrappurtaw biss l-ispejjeż tagħhom lill-ECSEL JU mal-ikkompletar tal-proġetti taħt Orizzont 2020 li huma jappoġġaw.

3.6.13. L-ECSEL JU tista' tikkalkula biss l-ammont reali tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri tal-industrija wara li tkun ivvalidat il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti fi tmiem il-programm. Dan jispjega l-ammont għoli ta' kontribuzzjonijiet *in natura* ta' EUR 705,4 miljun mill-industrija li, fi tmiem l-2019, kienu ġew irrappurtati iżda kienu għandhom ma ġewx ivvalidati.

3.6.14. Rigward il-Baġit 2019 tal-JU, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 100 % u ta' 89 %, rispettivament. Il-pagamenti ta' prefinanzjament għal proġetti taħt Orizzont 2020, li ntgħażlu taħt is-sejħiet għal proposti tal-2018 u l-2019, kienu jinkludu 67 % tal-valur tal-pagamenti operazzjonali li kienu saru matul is-sena.

3.6.15. Minħabba l-ħtiġijiet tal-JU, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati jistgħu jiġu inklużi fil-baġit fit-tliet snin finanzjarji sussegwenti. Il-JU rriallokat EUR 19-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, mhux użati mis-snin preċedenti, għall-baġit operazzjonali tal-2019 u b'hekk żiedet il-baġit inizjali għall-pagamenti ta' għotja taħt Orizzont 2020 minn EUR 163 miljun għal EUR 182 miljun. Il-JU ġġustifikat ir-riallokazzjoni biż-żieda mistennija fit-talbiet dwar l-ispejjeż fl-2019, b'rabta mas-sejħiet tal-2014 u tal-2015 għal Orizzont 2020. Fi tmiem l-2019, 59 % tal-baġit riallokat kien implimentat.

[58] Mit-30 Stat Parteċipant fl-ECSEL, 19 ippartiċipaw fis-sejħa tal-2014, 21 f'dik tal-2015, 24 f'dik tal-2016, 18 f'dik tal-2017 u 21 f'dik tal-2018.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.6.16. Il-ftehimiet amministrattivi konklużi mill-JUs ARTEMIS u ENIAC mal-NFAs komplew japplikaw minħabba li dawk il-JUs ġew fużi biex jiffurmaw l-ECSEL JU. Skont dawn il-ftehimiet, l-istrateġiji tal-awditjar *ex post* tal-JUs ARTEMIS u ENIAC serrħu ħafna fuq l-NFAs għall-awditjar tat-talbiet dwar l-ispejjeż tal-proġetti[59]. L-ECSEL JU ħadet passi biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-awditi *ex post* imwettqa mill-NFAs u kisbet dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-NFAs li jistqarru li l-implimentazzjoni tal-proċeduri nazzjonali tagħhom tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Madankollu, minħabba l-varjazzjonijiet sinifikanti fil-metodoloġiji u fil-proċeduri li jintużaw mill-NFAs mhuwiex possibbli li l-ECSEL JU tikkalkola rata unika ta' żball ipponderata li tkun affidabbli jew rata tal-iżball residwu għall-pagamenti taħt l-FP7.

3.6.17. Għall-proġetti taħt l-FP7, il-pagamenti li saru mill-ECSEL JU fl-2019 kienu jammontaw għal EUR 20,3 miljun (2018: EUR 41 miljun), li kienu jirrappreżentaw 11,2 % (2018: 22 %) tal-pagamenti operazzjonali totali li saru mill-JU fl-2019. Għal dawk il-pagamenti, aħna applikajna r-rata tal-iżball residwu li ġiet stabbilita mid-DĠ RTD għall-programm FP7 kollu, li fi tmiem l-2019 kienet ta' 3,52 %[60].

3.6.18. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet għadha ma bdietx il-proċess ta' implimentazzjoni.

---

[59] Skont l-istrateġiji tal-awditjar *ex post* adottati mill-ARTEMIS u l-ENIAC, il-JUs iridu jivvalutaw mill-inqas darba fis-sena jekk l-informazzjoni li jirċievu mill-Istati Membri tipprovdix aċċertament suffiċjenti dwar ir-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet li jitwettqu.

[60] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tad-DĠ RTD, p. 36.

3.6.19. Għall pagamenti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*[61]. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 3 % u rata tal-iżball residwu ta' 1,48 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[62]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[63], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu] sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

3.6.20. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati żvelaw żbalji sistemiċi relatati mal-ispejjeż marbuta mal-persunal, li ġew iddikjarati. Is-sorsi prinċipali ta' żbalji kienu l-kalkolu tar-rata ta' kull siegħa żbaljata għas-sid tal-kumpanija u l-użu ta' rati fis-siegħa annwali li ma kinux ibbażati fuq sena finanzjarja kkompletata.

Osservazzjoni dwar kwistjonijiet oħra

3.6.21. L-ECSEL JU trid ittejjeb il-proċess ta' komunikazzjoni interna biex tidentifika benefiċjarji li jkunu mhedda b'falliment u biex tirrapporta, b'mod f'waqtu, dwar prefinanzjament f'riskju ta' nuqqas ta' rkupru. Konsegwentement, l-assi ta' prefinanzjament iddivulgati fil-kontijiet annwali jistgħu jkunu ddikjarati b'mod eċċessiv.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.6.22. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

---

[61] L-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014.

[62] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-ECSEL JU, il-Parti III, Internal Control.

[63] COM(2011) 809 final.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	Fl-2017 u fl-2018, aħna osservajna nuqqasijiet sinifikanti fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' akkwist għas-servizzi amministrattivi (eż. għażla ta' proċeduri ta' akkwist mhux xierqa, definizzjoni inkompleta tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti, u ffirmar tardiv tal-emendi).	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-JU ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECSEL JU f'April 2018. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-JU. Għal dawn diġà ġew ikkompletati xi attivitajiet. Il-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2019, filwaqt li xi wħud minnhom tqiesu li ma jaqgħux fl-ambitu tal-ECSEL JU.	Għadha għaddejja
2018	Fl-2018, il-pagament finali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS), konkluż ma' wieħed minn tliet membri tal-assoċjazzjoni tal-industrija għall-forniment ta' servizzi ta' kommunikazzjoni u servizzi għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti, sar mingħajr ma ġiet ippreżentata d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa.	Ikkompletata

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Fl-2018, il-JU identifikat li ammont ta' aktar minn EUR 1 000 000 f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi ma kienx ġie fatturat mill-ENIAC JU lill-membru tal-industrija AENEAS qabel l-istabbilment tal-ECSEL JU. Biex tlaħħaq man-nuqqas ta' flus kontanti għan-nefqa amministrattiva, il-JU rċeviet EUR 1 000 000 mill-membri tagħha bħala "kontribuzzjoni fi flus kontanti mħallsa minn qabel", li kienet tikkonsisti f'ammont ta' EUR 320 000 li ngħata mill-Kummissjoni u ammont ta' EUR 680 000 li ngħata mill-membri tal-industrija. Jenħtieġ li l-JU toħroġ nota ta' debitu mingħajr aktar dewmien. Segwitu: Fl-2019, l-ECSEL JU qablet dwar skeda ta' pagamenti biex tirregolarizza s-sitwazzjoni u ħarġet l-ewwel ordni ta' rkupru lil AENEAS, li kienet tammonta għal EUR 549 500. F'konformità mal-iskeda ta' pagamenti, l-ammont li fadal ta' EUR 550 023 se jinġabar fl-2020.	Għadha għaddejja

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.6.18. L-Impriża Konġunta bdiet it-tranżizzjoni fil-qafas il-ġdid ta' kontroll intern (ICF), matul l-2020, bi pjan ta' azzjoni. Attwalment, l-Impriża Konġunta qed tiddefinixxi l-kriterji ta' monitoraġġ ta' kontroll intern qabel il-validazzjoni mill-maniġment. Qabel ma tlesti t-tranżizzjoni tagħha għall-ICF il-ġdid, l-Impriża Konġunta ECSEL tkompli tapplika u timmonitorja s-sett komprensiv tagħha ta' Standards ta' Kontroll Intern eżistenti.

3.7. L-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI)

Introduzzjoni

3.7.1. Il-JU dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014[64] għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fis-26 ta' Ottubru 2015.

3.7.2. Il-BBI JU hija sħubija pubblika-privata fis-settur tal-industriji b'bażi bijoloġika. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni, u s-sħab industrijali rrappreżentati mill-Konsorzju tal-Industriji b'bażi Bijoloġika (BIC).

3.7.3. It-***Tabella 3.7.1*** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[65].

Tabella 3.7.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	132,5	91,6
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	138,6	119,5
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	182,1	118,1
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	141,6	120,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	22	23

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

---

64 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

65 Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.bbi-europe.eu.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.7.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[66] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[67] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.7.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

---

[66] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[67] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.7.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.7.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.7.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.7.9. It-*Tabella 3.7.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri lill-JU, fi tmiem l-2019.

Tabella 3.7.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-BBI 1 (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali (1)	Attivitajiet addizzjonali (2)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	975,0	0,0	975,0	414,6	0,0	0,0	0,0	414,6
Membri privati	975,0	1 755,0	2 730,0	13,1	16,8	52,0	916,1	998,0
Total	1 950,0	1 755,0	3 705,0	427,7	16,8	52,0	916,1	1 412,6

(1) L-ammont għal membri privati jinkludi EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet finanzjarji minimi għal attivitajiet operazzjonali.
(2) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.7.10. L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet in natura ta' EUR 916-il miljun fi tmiem l-2019 għal attivitajiet addizzjonali jinkludi madwar EUR 216-il miljun ta' kontribuzzjonijiet *in natura* rrappurtati għall-2019, iżda li għalihom il-proċess ta' ċertifikazzjoni ma kienx ġie kkompletat minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

3.7.11. Mill-ammont minimu ta' EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti[68], EUR 3,25 miljun kienu mħallsa fi tmiem l-2019. Ir-Regolament Fundatur għall-BBI[69] ġie emendat biex il-membri fl-industrija jkunu jistgħu jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti. Minkejja din l-emenda, għad hemm riskju għoli li l-membri tal-industrija ma jiksbux l-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti fi tmiem il-programm tal-BBI. B'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni (DĠ RTD) iddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 miljun il-baġit tal-JU għall-2020, li kien ta' EUR 205 miljun[70].

3.7.12. Fi tmiem l-2019, il-JU implimentat 87 % biss tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli minħabba l-evalwazzjoni tas-sejħa tal-2019 li rriżultat f'inqas mill-għadd mistenni ta' proposti eliġibbli għal finanzjament taħt suġġett speċifiku.

3.7.13. Fi tmiem l-2019, il-JU implimentat 76 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020. Il-pagamenti ta' prefinanzjament għal proġetti taħt Orizzont 2020, li ntgħażlu taħt is-sejħa għal proposti tal-2018, kienu jinkludu 62 % tal-valur tal-pagamenti operazzjonali li kienu saru matul is-sena.

3.7.14. Minħabba l-ħtiġijiet tal-JU, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati jistgħu jiġu inklużi fil-baġit fit-tliet snin finanzjarji sussegwenti. Minkejja l-kanċellazzjoni ta' EUR 18-il miljun permezz tal-ewwel baġit emendatorju biex tiġi kkumpensata r-riattivazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mis-snin preċedenti (EUR 25,5 miljun), fi tmiem l-2019 il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati żdied għal EUR 44 miljun. Din iż-żieda kienet ikkawżata prinċipalment mid-dewmien mhux mistenni tal-proġetti fl-2019.

---

[68] L-Artikolu 12(4) tal-Istatuti tal-BBI JU (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 560/2014).

[69] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/121 tat-23 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 560/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta BBI.

[70] Dan l-ammont jinkludi s-sospensjoni mħabbra ta' EUR 50 miljun mill-Baġit 2017 u s-sospensjoni ta' EUR 20 miljun mill-Baġit 2018.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.7.15. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet ikkompletat analiżi tal-lakuni mqabbla mas-sistema ta' kontroll intern eżistenti u żviluppat indikaturi tal-prestazzjoni għall-prinċipji ta' kontroll intern ġodda kollha u l-karatteristiċi relatati. Il-Bord ta' Tmexxija tal-BBI adotta l-qafas ta' kontroll intern il-ġdid fi Frar 2020.

3.7.16. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post* tal-pagamenti taħt Orizzont 2020 li jkunu saru mill-JU. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli sa tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 0,6 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,47 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[71]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[72], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu] sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

3.7.17. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati żvelaw żbalji kwantifikabbli minuri relatati mal-spejjeż marbuta mal-persunal, li ġew iddikjarati. Is-sorsi prinċipali ta' żbalji kienu l-użu ta' rati fis-siegħa annwali li ma kinux ibbażati fuq sena finanzjarja kkompletata u ta' rati fis-siegħa ta' kull xahar iddikjarati b'mod eċċessiv minħabba li l-pagamenti ta' bonus ta' darba ma kinux ġew allokati matul is-sena fuq bażi prorata.

---

[71] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-BBI JU, il-paġni 198-203.

[72] COM(2011) 809 final.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.7.18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-JU ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-BBI f'Marzu 2018. Filwaqt li l-JU aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet b'mod ġenerali, hija implimentat xi wħud mill-azzjonijiet bl-għan li tindirizza l-kwistjonijiet prinċipali li tqajmu fl-Evalwazzjoni *Interim*. Skont il-Pjan ta' Azzjoni, jenħtieġ li l-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet li għandhom jittieħdu b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fl-2018 u fl-2019.	Ikkompletata
2018	Fl-2018, il-BBI JU wettqet rieżami biex taġġorna l-istatus ta' adeżjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-BIC bħala l-bażi prinċipali għall-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-kontribuzzjonijiet *in natura* li saru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU. Dan jitqies bħala prattika tajba u jenħtieġ li jsir fuq bażi regolari.	Ikkompletata

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Mill-ammont minimu ta' EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti[73], EUR 0,8 miljun biss tħallsu fi tmiem l-2018. Ir-Regolament Fundatur għall-BBI[74] ġie emendat biex il-membri fl-industrija jkunu jistgħu jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti. Madankollu, għad hemm riskju għoli li l-membri tal-industrija ma jiksbux l-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti fi tmiem il-programm tal-BBI. B'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni (DĠ RTD) iddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 miljun il-baġit tal-JU għall-2020, li kien ta' EUR 205 miljun[75].	Għadha għaddejja
2018	Minħabba t-tfassil tas-sejħa għal proposti tagħha tal-2018 kif ukoll il-ġestjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni għall-proposti, wieħed minn żewġ suġġetti emblematiċi tas-sejħa baqa' ma rċeviex finanzjament, minkejja li kien irċieva proposti eliġibbli u evalwati tajjeb għaż-żewġ suġġetti.	Ikkompletata

[73] L-Artikolu 12(4) tal-Istatuti tal-BBI JU (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 560/2014).

[74] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/121 tat-23 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 560/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta BBI.

[75] Dan l-ammont jinkludi s-sospensjoni mħabbra ta' EUR 50 miljun mill-Baġit 2017 u s-sospensjoni ta' EUR 20 miljun mill-Baġit 2018.

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-QEA.

3.8. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R)

Introduzzjoni

3.8.1. Ix-Shift2Rail (S2R) JU, li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Ġunju 2014[76] għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fl-24 ta' Mejju 2016.

3.8.2. L-S2R JU hija sħubija pubblika-privata fis-settur ferrovjarju. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni u mis-sħab fl-industrija ferrovjarja (partijiet interessati ewlenin, inklużi manifatturi ta' tagħmir ferrovjarju, kumpaniji ferrovjarji, maniġers tal-infrastruttura u ċentri tar-riċerka). Entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fil-JU bħala membri assoċjati.

3.8.3. It-***Tabella 3.8.1*** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU[77].

Tabella 3.8.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda (miljun EUR)	61,8	69,4
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda (miljun EUR)	79,1	80,9
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	81,6	81,6
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	83,1	84,8
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	23	22

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati. L-aġent kuntrattwali li ġie rreklutat fi tmiem l-2019 għal sena biex jissostitwixxi aġent temporanju, li kien bil-liv fit-tul minħabba mard, ma kienx inkluż fil-kalkolu.

Sors: data pprovduta mill-JU.

[76] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

[77] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.shift2rail.org.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.8.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[78] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[79] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.8.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

---

[78] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[79] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.8.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.8.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.8.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.8.9. It-*Tabella 3.8.2* tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri lill-JU, fi tmiem l-2019.

Tabella 3.8.2 – Kontribuzzjonijiet mill-membri għal S2R (f'EUR miljun)

	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (fil-31.12.2019)				
Membri	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali (1)	Total	Fi flus kontanti	*In natura* ivvalidati	*In natura*, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	*In natura*, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ Move)	398,0	0,0	398,0	221,7	0,0	0,0	0,0	221,7
Membri privati	350,0	120,0	470,0	8,2	68,6	74,6	182,5	333,9
Total	748,0	120,0	868,0	229,9	68,6	74,6	182,5	555,7

(1) L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.8.10. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet implimentat 100 % u 88 % rispettivament tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020. Il-pagamenti ta' prefinanzjament għal proġetti taħt Orizzont 2020, li ntgħażlu taħt is-sejħa għal proposti tal-2019, kienu jinkludu 65 % tal-valur tal-pagamenti operazzjonali li kienu saru matul is-sena.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.8.11. Il-JU stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post. Bħala korp tal-UE, il-JU hija obbligata timplimenta l-qafas ta' kontroll intern (QKI) il-ġdid tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern. Fi tmiem l-2019, il-JU kienet diġà kkompletat analiżi tal-lakuni bbażata fuq is-sistema ta' kontroll intern eżistenti u żviluppat indikaturi għall-valutazzjoni tal-effettività tal-prinċipji ta' kontroll intern ġodda u l-karatteristiċi relatati.

3.8.12. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post* tal-pagamenti taħt Orizzont 2020 li jkunu saru mill-JU. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli fi tmiem l-2019, il-JU rrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1,54 % u rata tal-iżball residwu ta' 0,91 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 (approvazzjonijiet u pagamenti finali)[80]. Fil-proposta tagħha għal regolament dwar Orizzont 2020[81], il-Kummissjoni qieset li "għall-ispiża tar-riċerka taħt Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, fil-medda bejn 2-5 % huwa objettiv realistiku filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-għeluq tal-programmi wara li l-impatt finanzjarju tal-verifiki (awditi) kollha, il-korrezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu [tqiesu] sabiex jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %."

[80] Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2019 tal-S2R JU, il-paġni 162.

[81] COM(2011) 809 final.

3.8.13. Bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali, aħna awditjajna, b'mod aleatorju, kampjun ta' pagamenti li saru fl-2019 taħt Orizzont 2020 fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nikkorroboraw ir-rati ta' żball li ħarġu mill-awditjar *ex post*. Dawn l-awditi dettaljati żvelaw żbalji kwantifikabbli minuri relatati mal-spejjeż marbuta mal-persunal, li ġew iddikjarati. Is-sorsi prinċipali ta' żbalji kienu: sigħat ta' xogħol mitluba fuq vaganzi; u l-użu ta' rati unitarji, inklużi elementi stmati li ddevjaw sinifikattivament mir-rati effettivi għal kull unità.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.8.14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	Is-sitwazzjoni fi tmiem l-2017 wriet li l-istandards ta' kontroll intern l-aktar importanti kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira, u xi wħud mill-azzjonijiet kienu għad iridu jiġu kkompletati fl-2018.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-JU ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-JU fit-28 ta' Ġunju 2018. Filwaqt li mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fl-Evalwazzjoni *Interim* se jiġu indirizzati taħt il-Programm Qafas Finanzjarju attwali, xi wħud mill-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni diġà nbdew, u huwa mistenni li oħrajn se jiġu implimentati fil-perjodu bejn l-2018 u l-2020, skont in-natura u l-qafas legali attwali tagħhom.	Għadha għaddejja
2018	Biex ittejjeb aktar l-effiċjenza u l-effettività tal-iskema ta' finanzjament ibbażata fuq somma f'daqqa, jeħtieġ li l-JU tkompli ssaħħaħ l-affidabbiltà tad-*data* finanzjarja fid-database tagħha tal-benefiċjarji u tiddivulga l-kummenti importanti tal-esperti finanzjarji fir-rapport sommarju tal-evalwazzjoni.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-QEA.

Impriża Konġunta li topera taħt l-EURATOM

3.9. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

Introduzzjoni

3.9.1. Il-JU Ewropea għall-ITER[82] u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ("F4E JU") ġiet stabbilita f'Marzu 2007[83] għal perjodu ta' 35 sena. Filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta' fużjoni kellhom jiġu żviluppati f'Cadarache fi Franza, il-JU tinsab f'Barċellona.

3.9.2. Il-membri fundaturi tal-JU huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom u l-Iżvizzera, li kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom.

[82] Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.

[83] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom tat-13 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 100) u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/224 tal-10 ta' Frar 2015 (ĠU L 37, 13.2.2015, p. 8).

3.9.3. It-*Tabella 3.9.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-F4E JU[84].

Tabella 3.9.1 – Iċ-ċifri ewlenin għall-JU

	2019	2018
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	721,1	794,8
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	689,5	649,9
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ([1])	761,2	847,4
Baġit disponibbli għall-impenji (miljun EUR) ([1])	729,7	706,2
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ([2])	439	442

([1]) Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-JU reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena li jmiss.

([2]) Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Opinjoni

3.9.4. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet tal-JU li jinkludu r-rapporti finanzjarji[85] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[86] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019, u

[84] Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-JU hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.f4e.europa.eu.

[85] Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

[86] Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.9.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-JU fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.9.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.9.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

3.9.8. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjonijiet li jingħataw hawn fuq, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER[87] approva linja bażi ġdida għall-proġett ITER. Il-linja bażi l-ġdida tal-ITER tistma l-ilħuq tal-Ewwel Plażma[88] u l-bidu tal-fażi operazzjonali fl-2025 bl-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni fl-2035. Il-linja bażi preċedenti tal-2010 kienet stmat li l-fażi ta' kostruzzjoni se tintlaħaq fl-2020[89]. Il-linja bażi l-ġdida titqies bħala l-eqreb data teknikament possibbli li tinkiseb[90].

3.9.9. L-F4E JU kkalkulat mill-ġdid il-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għal EUR 12-il biljun (fil-valuri tal-2008), li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) li kien ġie approvat mill-Kunsill tal-UE fl-2010[91]. Din l-istima ma tinkludix kontinġenzi, minkejja li l-Kummissjoni ssuġġeriet li jkun xieraq li tiġi prevista kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda ta' żmien u kontinġenza sa 10-20 % f'termini ta' baġit[92].

3.9.10. F'April 2018[93], il-Kunsill tal-UE ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Euratom, il-linja bażi l-ġdida għal ITER u afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jagħmel ir-riżorsi disponibbli fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, mingħajr preġudizzju għal negozjati sussegwenti tal-QFP, li jiddeterminaw id-dettalji tal-finanzjament futur[94].

3.9.11. Filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex jittejbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tal-JU għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, għad fadal riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi attwali approvata.

3.9.12. Fil-31 ta' Jannar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-UE u mill-Euratom. Il-perjodu ta' tranżizzjoni għan-negozjar ta' ftehim ta' sħubija ġdid mal-Euratom jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2020. L-eżitu tan-negozjar jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivitajiet ta' wara l-2020 tal-F4E JU u tal-proġett ITER.

---

[87] Id-19-il Kunsill tal-ITER fis-16-17 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill tal-ITER huwa l-korp governattiv tal-ITER IO.

[88] L-Ewwel Plażma tirrappreżenta l-istadju ta' kostruzzjoni tal-magna tal-fużjoni li se tippermetti l-ittestjar tal-komponenti essenzjali tal-magna; dan huwa wkoll il-punt fejn tibda l-fażi operazzjonali.

3.9.13. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3.9.14. Il-Baġit Finali 2019 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 729,7 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 761,2 miljun. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 99,8 % u 97,1 %, rispettivament.

3.9.15. Fl-2019, il-baġit allokat għall-Kapitolu 3.4 – Nefqa Operazzjonali Oħra żdied b'85 % għal EUR 7,4 miljun, meta mqabbel ma' dak tal-2018. Din l-intestatura tal-baġit tintuża għal kategoriji diversi ta' nfiq (jiġifieri: nefqa għal riżorsi umani kkuntrattati u internalizzati, nefqa fuq missjonijiet, u nefqa fuq appoġġ legali, eċċ.). Biex tiġi żgurata aderenza mal-prinċipji baġitarji tat-trasparenza u tal-ispeċifikazzjoni, jenħtieġ li jinħoloq kapitolu tal-baġit separat għal kull kategorija ta' nfiq.

Osservazzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku

3.9.16. Għal proċedura ta' akkwist waħda ta' kwalità għolja, l-iskedi ppubblikati inizjalment u d-dati ta' skadenza ma kinux realistiċi, billi ma ħadux għalkollox inkunsiderazzjoni l-kumplessità tal-proċess innifsu (jiġifieri ż-żjarat fuq il-post) jew tal-kuntratt.

---

89 COM(2010) 226 final tas-4.5.2010.

90 Kif ġie ddikjarat fil-ħames valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (il-31 ta' Ottubru 2016) u fir-rapport mill-Kap tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-F4E JU lill-Bord ta' Tmexxija, f'Diċembru 2016.

91 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istatus tal-ITER (Ref. 11902/10).

92 COM(2017)319 final tal-14.6.2017 (akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 232 final tal-14.6.2017), il-Kapitolu V "ITER: it-triq 'il quddiem".

93 L-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008), li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010, attwalment iservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-JU sal-2020.

94 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 7881/18 adottat fit-12 ta' April 2018.

3.9.17. Rigward il-proċess ta' evalwazzjoni, f'każ wieħed il-piż amministrattiv li jingarr meta tiġi pprovduta prova ta' ekwivalenza maċ-ċertifikazzjoni speċifika, li hija meħtieġa bħala parti mill-kriterji tal-għażla, seta' skoraġġixxa lil kuntratturi potenzjali b'ċertifikazzjonijiet ekwivalenti milli jippreżentaw offerta.

Osservazzjonijiet dwar ġestjoni finanzjarja tajba u dwar il-prestazzjoni

3.9.18. Abbażi tat-talba tal-Kunsill tal-UE, l-F4E JU tiġi vvalutata kull sena minn bord ta' esperti esterni. Il-qasam ta' fokus tal-valutazzjoni tal-2019 kien jinkludi, fost oħrajn, il-ġestjoni tar-riżorsi umani[95]. Il-bord ta' esperti identifika bosta problemi u riskji fil-livell ta' maniġment superjuri u ta' kultura korporattiva. Is-sitwazzjoni, jekk tibqa' mhux solvuta, tista' taffettwa b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-persunal.

3.9.19. Minħabba r-restrizzjoni tat-tabella tal-persunal f'termini ta' persunal statutorju, l-F4E qed tuża dejjem aktar riżorsi kkuntrattati jew internalizzati, anki għal pożizzjonijiet li jitqiesu bħala kompetenzi u responsabbiltajiet ewlenin għall-F4E JU (eż. l-Unità tas-Sikurezza Nukleari). Fl-2019, il-livell ta' dawn ir-riżorsi kien diġà laħaq madwar 62 % tal-persunal statutorju tal-JU[96]. Il-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-F4E JU ma għandhiex informazzjoni aġġornata dwar id-daqs ta' dawn ir-riżorsi, billi l-ġestjoni tagħha hija deċentralizzata fil-livell tal-unità jew id-direttorat. Din is-sitwazzjoni tippreżenta riskji għall-JU, li jikkonċernaw iż-żamma ta' kompetenzi ewlenin, obbligu ta' rendikont mhux ċar, tilwim ġudizzjarju possibbli, u effiċjenza tal-persunal aktar baxxa minħabba ġestjoni deċentralizzata. Barra minn hekk, l-ispejjeż għall-persunal internalizzat jiġu ddebitati lill-Kapitolu 3.4 – Nefqa Operazzjonali Oħra, flimkien ma' diversi spejjeż oħra operazzjonali, li jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni u t-trasparenza (ara wkoll il-paragrafu ***3.9.15***).

---

[95] It-tmien valutazzjoni annwali tal-JU F4E mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (it-28 ta' Novembru 2019).

[96] Fit-tmien valutazzjoni annwali tal-F4E mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (it-28 ta' Novembru 2019), il-bord ta' esperti stma li fl-2019, l-F4E kkuntrattat 289 persuna esterna għal kompiti operazzjonali, minbarra l-għadd massimu ta' 464 membru tal-persunal statutorju previst fit-tabella tal-persunal għall-2019.

3.9.20. Fl-2019, il-Bord ta' Tmexxija tal-F4E ħatar Grupp *Ad Hoc* (AHG) biex jirrieżamina s-sistema ta' rappurtar tal-F4E JU u biex jipproponi l-bidliet meħtieġa. L-AHG ippropona li tiġi introdotta sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat (EVM) il-ġdida, li ġiet approvata mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E f'April 2019[97]. Madankollu, is-sistema EVM proposta ma tiħux inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-esperti indipendenti[98] u ma tipprovdix informazzjoni ċara dwar il-progress tekniku li ntlaħaq f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż imġarrba sa dakinhar, rigward it-total tal-obbligi tat-twassil tal-F4E JU għall-proġett ITER. Meta titqies l-importanza tas-sistema EVM il-ġdida għall-insegwiment tal-prestazzjoni, huwa kruċjali li l-F4E JU timmonitorja l-effettività tagħha matul il-fażi ta' implimentazzjoni u tinforma lill-Bord ta' Tmexxija kull meta jitfaċċaw kwistjonijiet sinifikanti.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.9.21. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA mis-snin preċedenti tingħata fl-***Anness***.

[97] Il-Bord ta' Tmexxija tal-F4E, Nru 43, tal-5 ta' April 2019.

[98] Is-seba' valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (it-30 ta' Novembru 2018), p. 30-31.

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Minħabba nuqqasijiet serji fil-proċess ta' ppjanar tal-Baġit 2017, l-approprjazzjonijiet ta' pagament li kienu finalment meħtieġa fl-2017 u fl-2018 qabżu sinifikattivament l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġits inizjali. Fl-2018, l-approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali li kienu meħtieġa mill-JU ammontaw għal EUR 160,7 miljun (jiġifieri 25 % ogħla mill-Baġit 2018 inizjali[99]).	Ikkompletata
2018	Fl-2018, l-F4E JU wettqet pagament ta' regolarizzazzjoni fejn ittrasferiet EUR 1 000 000 ta' pagamenti, li kienu diġà awtorizzati u vverifikati, relatati ma' spejjeż għall-ivvjaġġar fuq xogħol tal-persunal mill-baġit amministrattiv (il-Kapitolu 1.3 – Missjonijiet u Vvjaġġar fuq Xogħol) għal dak operazzjonali (il-Kapitolu 3.4 – Nefqa Operazzjonali Oħra). Madankollu, il-pagament ta' regolarizzazzjoni ma kienx jirrispetta l-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni.	M/A

[99] Il-Baġit 2018 inizjali tal-F4E JU, li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija fl-1 ta' Diċembru 2017, ammonta għal EUR 634,1 miljun.

Sena	Kummenti tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2018	Id-deċiżjoni tad-Direttur li jinbidel il-post ta' impjieg ta' maniġer superjuri, li kien għadu kemm ġie rreklutat, minn Barċellona għal Cadarache ma kinitx appoġġata minn dokumentazzjoni adegwata[100] li tiġġustifika l-ispejjeż tas-salarju addizzjonali dovuti għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni differenti[101].	M/A
2018	Fi tmiem l-2018, l-F4E kienet għadha qed tuża s-sistema ta' krediti tal-ITER biex timmonitorja l-progress tal-proġett tagħha, għalkemm l-esperti esterni maħtura mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E rrakkomandaw, f'bosta valutazzjonijiet annwali suċċessivi, l-introduzzjoni ta' sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat (EVM), li tirrifletti l-progress tekniku jew fiżiku flimkien mal-ispiża mġarrba u l-infiq relatat ma' dan il-progress. Fl-2018, l-esperti reġgħu enfasizzaw li l-benefiċċju ewlieni ta' sistema EVM huwa li din tipprovdi kejl ċar tal-kisbiet[102] u huma reġgħu talbu li tiġi implimentata sistema ta' kejl tal-prestazzjoni marbuta mal-progress finanzjarju u tekniku, minflok is-sistema ta' krediti tal-ITER. B'riżultat ta' dan, il-Bord ta' Tmexxija ħatar Grupp *Ad Hoc* intern li l-kompitu tiegħu huwa li jirrieżamina r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-F4E.	M/A

[100] F'Diċembru 2018, il-Bord ta' Tmexxija enfasizza l-ħtieġa li l-F4E JU timmonitorja b'attenzjoni l-ispejjeż amministrattivi, f'konformità mat-talba għal trażżin tal-ispejjeż imsemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' April 2018 (il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 7881/18).

[101] Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni tal-pajjiż għal Spanja (Barċellona) huwa 91,7 %, iżda 117,7 % għal Franza (Cadarache).

[102] Is-seba' valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (it-30 ta' Novembru 2018).

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.9.15. L-F4E se tistabbilixxi tqassim tal-kapitolu 3.4 bil-ħolqien ta' linja baġitarja speċifika li tospita l-ispiża ta' riżorsi esterni internalizzati mill-baġit tal-2021 'il quddiem. L-infiq operazzjonali l-ieħor kollu ta' natura amministrattiva se jibqa' miġbur taħt il-kapitolu 3.4, meta jitqies li dan jirrappreżenta ammont baxx ħafna meta mqabbel mal-iskala tal-infiq operattiv. L-evoluzzjoni ta' dan il-kapitolu hija r-riżultat tal-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-ġestjoni tar-riżorsi u r-rispett tal-prinċipju ta' speċifikazzjoni tal-baġit.

3.9.16. L-F4E ssostni li l-iskeda ppjanata ta' akkwist kienet tabilħaqq ta' sfida iżda konformi mar-rekwiżiti regolatorji, u li għamlet kull pass possibbli biex tissalvagwardja l-kompetizzjoni ġusta u trasparenti.

3.9.17. Fir-rigward tal-prova ta' ekwivalenza għaċ-ċertifikazzjoni speċifika fil-kriterji tal-għażla, ir-rekwiżit tal-F4E kien immexxi mill-qafas regolatorju nukleari għall-installazzjoni tal-ITER skont il-liġi Franċiża, li jirrikjedi tali ċertifikazzjoni biex topera. L-F4E taffiet l-effett fuq il-kompetizzjoni billi ppermettiet li jintużaw ċertifikazzjonijiet ekwivalenti. Peress li l-F4E ma setgħetx tevalwa minn qabel iċ-ċertifikazzjonijiet potenzjalment ekwivalenti fl-Istati Membri jew fid-dinja kollha, l-offerenti kienu responsabbli biex jipprovdu ċertifikazzjoni ekwivalenti.

3.9.18. L-oqsma ta' titjib identifikati huma relatati mal-kultura korporattiva, l-involviment tal-persunal u l-aspetti ta' fiduċja. Il-maniġment qed jieħu azzjoni billi jintroduċi programm komprensiv għall-iżvilupp tat-tmexxija, inklużi l-ikkowċjar u l-feedback 360° fost miżuri oħra kif irrakkomandat mill-assessuri. Dan se jkompli jsaħħaħ l-effikaċja u l-kultura korporattiva tal-F4E. Dawn l-aspetti tipikament jevolvu bil-mod iżda l-maniġment huwa ottimist li t-titjib gradwali iżda konsistenti li deher fir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-involviment tal-persunal mill-2014 se jkompli.

3.9.19. Il-limiti baġitarji fuq il-persunal statutorju kif previst fil-pjan ta' stabbiliment tal-F4E tabilħaqq jaqgħu sew taħt il-ħtiġijiet tal-proġett ITER. Il-ħtieġa għal riżorsi esterni hija akkumpanjata minn diversi riskji li l-F4E tiġġestixxi f'konformità:

(i) mal-istrateġija ta' riżorsi,

(ii) mal-analiżi komprensiva tar-riskju u,

(iii) mal-pjan direzzjonali ta' azzjoni ta' mitigazzjoni approvat mill-Bord ta' Tmexxija tagħha.

Id-diversi azzjonijiet previsti taħt dan il-programm ta' ġestjoni tar-riskji li tnieda f'April 2020 jindirizzaw il-kwistjonijiet imsemmija mill-QEA u jipprovdu salvagwardji meqjusa adegwati wkoll mill-istanza ta' governanza responsabbli mis-sorveljanza amministrattiva u tal-ġestjoni. L-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u l-valutazzjoni komparattiva mitluba mill-Kumitat Amministrattiv u ta' Ġestjoni għal Novembru 2020 se tippermetti wkoll diskussjoni infurmata u trasparenti dwar il-ħtieġa li tiġi estiża d-dipendenza tal-F4E fuq ir-riżorsi esterni jew li minflok l-Impriża Konġunta tingħata r-riżorsi statutorji mitluba mill-proġett.

3.9.20. L-F4E tinnota li s-sistema EVM introdotta kienet ir-riżultat ta' interazzjoni estensiva mal-Grupp *Ad Hoc* ta' Esperti (AHG) dwar l-Ippjanar Pluriennali (MAP). Dan kien jinkludi analiżi intensiva u diskussjonijiet dwar il-merti ta' approċċi differenti, u diversi provi ta' prototipi. L-AHG tal-MAP finalment iddeċieda dwar approċċ EVM, li sussegwentement ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija, u issa jinsab fi produzzjoni fi stat stabbli. Ta' min jinnota r-rakkomandazzjoni assoċjata tal-AHG tal-MAP: "Il-miżuri Textbook EVM mhumiex irrakkomandati minħabba l-karatteristiċi speċjali tal-F4E u l-ammont ta' sforz li jkun meħtieġ biex jiġu implimentati. Minflok, il-miżuri EVM għandhom jintużaw biex jimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-F4E".

L-F4E tqis li kkonformat b'mod sħiħ mad-deċiżjonijiet tal-AHG tal-MAP, kif approvati mill-Bord ta' Tmexxija. Din is-sistema qed tissodisfa bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' Governanza biex tissorvelja l-prestazzjoni tal-F4E u għalhekk l-F4E tqis li mhija meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Alex BRENNINKMEIJER, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fis-6 ta' Ottubru 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

Il-President

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Softwer jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u d-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.